Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 555/2008

tas-27 ta' Ġunju 2008

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur ta' l-inbid

(ĠU L 170, 30.6.2008, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 42/2009 tal-20 ta' Jannar 2009	L 16	6	21.1.2009
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 702/2009 tat-3 ta' Awwissu 2009	L 202	5	4.8.2009
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 772/2010 tal-1 ta' Settembru 2010	L 232	1	2.9.2010
►**M4**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 314/2012 tat-12 ta' April 2012	L 103	21	13.4.2012
►**M5**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 568/2012 tat-28 ta' Ġunju 2012	L 169	13	29.6.2012
►**M6**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 202/2013 tat-8 ta' Marzu 2013	L 67	10	9.3.2013
►**M7**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►**M8**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2013 tal-24 ta' Ġunju 2013	L 172	13	25.6.2013

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 343, 29.12.2010, p. 79 (772/2010)

►**C2** Emendi, Ġ.U. L 5, 8.1.2011, p. 28 (555/2008)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 555/2008

tas-27 ta' Ġunju 2008

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur ta' l-inbid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 3/2008 u li jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 2392/86 u (KE) Nru 1493/1999 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 22, 84, 89, 97, 107, 117, 121(b) u (ċ) tagħhom,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 479/2008 immodifika r-reġim preċedenti għas-settur ta' l-inbid kif stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ([2]) u rrevoka dak ir-Regolament mill-1 ta' Awwissu 2008.

(2) Ir-regoli eżistenti ta' implimentazzjoni li jkopru s-settur ta' l-inbid jinsabu f'diversi regolamenti li kienu emendati sikwit. Dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni dwar mekkaniżmi tas-suq, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur ta' l-inbid jeħtiġilhom jinbidlu bħala riżultat tal-modifiki magħmulin lir-reġim ta' l-inbid bir-Regolament (KE) Nru 479/2008, kif ukoll fid-dawl ta' l-esperjenza. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom ikunu adottati.

(3) Ir-Regolamenti li ġejjin għandhom, għalhekk, ikunu rrevokati u ssostitwiti b'Regolament ġdid:

— (KE) Nru 1227/2000 tal-31 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, fir-rigward tal-potenzjal tal-produzzjoni ([3]);

— (KE) Nru 1623/2000 tal-25 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid fir-rigward ta' mekkaniżmi tas-suq ([4]);

([1]) ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).
([3]) ĠU L 143, 16.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1216/2005 (ĠU L 199, 29.7.2005, p. 32).
([4]) ĠU L 194, 31.7.2000, p. 45. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1433/2007 (ĠU L 320, 6.12.2007, p. 18).

▼B

— (KE) Nru 2729/2000 ta' l-14 ta' Diċembru 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati ta' implimentazzjoni dwar kontrolli fis-settur ta' l-inbid ([1]);

— (KE) Nru 883/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar kummerċ ma' pajjiżi terzi fi prodotti fis-settur ta' l-inbid ([2]).

(4) It-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandu dispożizzjonijiet dwar programm ġdid ta' appoġġ li għandu jkun deċiż f'livell ta' Stati Membri biex jiffinanzja miżuri speċifiċi ta' appoġġ biex jgħinu lis-settur ta' l-inbid. Ikun xieraq li dak il-qafas jimtela billi jkunu ppromulgati regoli ta' implimentazzjoni.

(5) Għandu jkun hemm proċedura għall-ewwel sottomissjoni tal-programm ta' appoġġ. Għandu jkun hemm ukoll proċedura biex programmi ta' appoġġ ikunu emendati kull sena għas-sena ta' wara, biex ikunu aġġustati biex iqisu kull kundizzjoni ġdida li setgħet kienet prevista meta kienu ppreżentati l-ewwel darba. Kull tibdil bħal dan għandu jkun soġġett għal ċerti miżuri u kundizzjonijiet biex ikun żgurat li l-programmi ta' appoġġ approvati jżommu l-għanijiet globali tagħhom.

(6) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, Stati Membri jistgħu jagħżlu li jfasslu l-programmi ta' appoġġ fil-livell ġeografiku li jkun meqjus bħala l-aktar adattat. Billi Stati Membri huma responsabbli għall-approvazzjoni ta' pjanijiet, huma għandhom f'dan il-każ jistabbilixxu regoli għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' pjanijiet u l-kontenut minimu tal-pjanijiet konċernati.

(7) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għall-miżura ġdida ta' appoġġ għal promozzjoni fi swieq ta' pajjiżi terzi. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar it-twaqqif ta' din il-miżura ġdida.

(8) Biex ma jitħallix ikun hemm riskju ta' distorzjoni tal-kompetizzjoni, għandhom jitfasslu regoli dwar il-mod kif l-oriġini speċifiku ta' prodotti koperti minn kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni għandha ssir referenza għalih.

(9) Fl-interess taċ-ċertezza legali, il-messaġġi mxerrda permezz tal-kampanja ta' promozzjoni għandhom ikunu konformi mal-liġijiet tal-pajjiżi terzi mmirati.

(10) Kriterji li jirregolaw l-għażla ta' applikazzjonijiet u l-eżami bir-reqqa tagħhom mill-Istati Membri għandhom ikunu stabbiliti bl-iskop li jkun żgurat li r-regoli Komunitarji jitħarsu u li l-miżuri meġħjuna li jkunu ser jiġu implimentati jkunu effikaċi.

([1]) ĠU L 316, 15.12.2000, p. 16. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2030/2006 (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 40).

([2]) ĠU L 128, 10.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1211/2007 (ĠU L 274, 18.10.2007, p. 5).

▼B

(11) Bl-iskop li jkun żgurat li l-miżuri Komunitarji jkunu effikaċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kampanji ta' promozzjoni approvati jkunu konsistenti mal-programmi ta' promozzjoni nazzjonali u reġjonali tagħhom u jikkomplimentawhom. Biex jibnu sinerġiji, Stati Membri jistgħu jfasslu kampanji kollettivi ta' promozzjoni u għandu jkun ipprovdut b'mod li titħalla l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri interessati. Għandha tingħata preferenza lil intraprizi mikro, żgħar u medji li jeħtiġilhom aktar appoġġ Komunitarju minn oħrajn akbar.

(12) Biex ikun evitat kull ħlas doppju għall-miżuri ta' promozzjoni iffinanzjati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar proviżjon ta' informazzjoni u miżuri ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi ([1]) jew skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew Għal Żvilupp Rurali (FAEŻR) ([2]), għandha tkun iffissata esklużjoni reċiproka.

(13) L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għal miżura ta' appoġġ għal ristrutturazzjoni u konverżjoni ta' vinji. B'mod partikulari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(3) ta' dak ir-Regolament jipprovdi li l-appoġġ għar-ristrutturar u l-konverżjoni ta' vinji m'għandux ikopri t-tiġdid normali ta' vinji li jkunu waslu fit-tmiem tal-ħajja naturali tagħhom.

(14) Barra minn hekk, Stati Membri jistgħu jadottaw regoli dwar id-daqs minimu tar-roqgħa raba' involuta biex jiżguraw li s-sistema jkollha effett ġenwin fuq il-potenzjal tal-produzzjoni.

(15) Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, Stati Membri għandhom marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni meta jiddeċiedu dwar l-iskop dettaljat u l-livelli ta' appoġġ, inkluż l-aktar il-ħlas ta' ammonti fissi, l-iffissar ta' livelli massimi ta' appoġġ għal kull ettaru u l-modulazzjoni ta' l-appoġġ abbażi ta' kriterji oġġettivi, skond il-limitazzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I tat-Titolu II ta' dak ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet adottati għall-osservanza tagħhom. Madankollu, regoli komuni għandhom ikunu stabbiliti. Miżuri għandhom ikunu definiti, b'termini ta' skadenza, għall-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ xieraq tagħhom. Ir-regoli għandhom ikopru wkoll l-użu tad-drittijiet ta' taħwil mill-ġdid li jqumu wara t-taħmil jekk dan ikun ipprovdut fil-proġett, biex jitħalla jkun hemm livelli ogħla x'jingħataw ta' appoġġ minħabba l-ispejjeż ogħla involuti.

(16) Fl-interess tal-verifika, ħlas bħala appoġġ għandu normalment isir wara li miżura speċifika jew is-sett sħiħ ta' miżuri jkunu ġew esegwiti. Iżda ħlas jista' jsir qabel l-eżekuzzjoni ta' miżura jew is-sett sħiħ ta' miżuri, bil-kundizzjoni li tkun depożitata garanzija biex ikun żgurat li l-eżekuzzjoni tal-miżura sseħħ.

([1]) ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 146/2008 (ĠU L 46, 21.2.2008, p. 1).

▼B

(17) Għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati dwar parteċipazzjoni fil-finanzjament tas-sistema għal strutturazzjoni u konverżjoni. Għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat l-infiq effikaċi ta' fondi riżervati għas-sistema, waqt li jsir provvediment b'mod partikulari għal ħlasijiet bil-quddiem.

(18) L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għal miżura ġdida ta' appoġġ għal ħsad aħdar. Minħabba s-sussidjarjetà, Stati Membri għandu jkollhom ir-responsabbiltà għall-arranġamenti amministrattivi dwar il-proċedura ta' applikazzjoni ta' ħsad aħdar. Għandhom ikunu liberi li jiddeċiedu dwar id-data sa meta jitolbu lil produtturi biex ilestu l-operazzjonijiet, biex ikollhom żmien biżżejjed, minħabba l-limitazzjonijiet ta' żmien u l-perjodu qrib ta' ħsad, għall-kontroll meħtieġ qabel il-ħlasijiet.

(19) Meqjusin il-fondi involuti fl-iskema ta' ħsad aħdar, verifika sistematika fil-post taż-żmien konċernati għandha tkun prevista wara l-eżekuzzjoni. Din il-verifika għandha tiżgura li tkun saret il-qerda totali ta' l-għeneb. Hija għandha tiżgura wkoll li r-rekwiżiti fitosanitarji u ambjentali jkunu rispettati kif imiss. Fl-interess tal-verifika, ħlas tal-primjum għandu jsir wara li jkun ġie kkontrollat jekk il-ħsad aħdar kienx sar.

(20) Barra minn hekk, għandhom ikunu ffissati livelli massimi ta' appoġġ biex ikun żgurat li l-appoġġ ma jisfax mezz ta' bejgħ permanenti alternattiv għal prodotti mqabbel mat-tqegħid tagħhom fis-suq.

(21) L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għal miżura ġdida ta' appoġġ għat-twaqqif ta' fondi mutwi. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar din il-miżura ġdida. Kemm jista' jkun, dawn ir-regoli għandhom jipprovdu għal flessibbiltà u applikazzjoni ta' malajr fi kriżijiet u, għalhekk, għandhom iħallu li jittieħdu deċiżjonijiet minn Stati Membri u organizzazzjonijiet ta' produtturi nfushom. Madankollu r-regoli m'għandhomx iħallu abbuži u għandhom jipprovdu għal limiti, inklużi f'termini finanzjarji. Peress li produtturi fi Stati Membri ġodda għandhom, b'mod ġenerali, grad aktar baxx ta' organizzazzjoni milli fi Stati Membri oħra, għandu jkun hemm limitu ogħla ta' appoġġ f'dawk ta' l-ewwel.

(22) L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għal miżura ġdida ta' appoġġ għall-assigurazzjoni tal-ħsad. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar it-twaqqif ta' din il-miżura ġdida. Kemm jista' jkun, dawn ir-regoli għandhom jipprovdu għal flessibbiltà. Madankollu r-regoli m'għandhomx iħallu abbuži u għandhom jipprovdu għal limiti, inklużi f'termini finanzjarji.

(23) L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għal miżura ġdida ta' appoġġ għal investimenti tanġibbli u intanġibbli f'intrapriżi. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar it-twaqqif ta' din il-miżura ġdida b'koerenza ma' l-istess miżura li hemm fil-menu ta' l-Iżvilupp Rurali. Ix-xorta ta' investimenti eliġibbli għandha tkun indikata, inkluża dik għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda; speċjeż eliġibbli indikattivi għandhom ikunu definiti.

▼B

(24) L-Artikolu 16 tar-regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għal miżura ta' appoġġ għad-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar it-twaqqif ta' din il-miżura ġdida, b'mod partikulari kundizzjonijiet għar-rimi ta' prodotti sekondarji, kif ukoll dwar l-iskop u l-livell ta' l-ammont massimu ta' l-għajnuna għal distillazzjoni ta' qxur u fdal ieħor ta' l-għeneb, nbid u sediment.

(25) L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għal miżura tranżizzjonali ta' appoġġ għal distillazzjoni ta' alkoħol tajjeb għax-xorb. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar din il-miżura ġdida, b'mod partikulari dwar l-iskop u l-aġġustamenti possibbli ta' l-għajnuna.

(26) L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għal miżura tranżizzjonali ta' appoġġ għal distillazzjoni ta' kriżi. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar it-twaqqif ta' din il-miżura, b'mod partikulari dwar il-proċedura u l-modalitajiet ta' l-għajnuna, kif ukoll dwar il-kriterji li għandhom jitqiesu meta jkun iffissat l-ammont ta' l-għajnuna.

(27) L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għall-miżura tranżizzjonali ta' appoġġ għall-utilizzazzjoni tal-most għal arrikkiment. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar it-twaqqif ta' din il-miżura, b'mod partikulari dwar l-iskop u l-livell ta' l-ammont massimu ta' l-għajnuna, kif ukoll biex ikun ipprovdut għal kontrolli speċifiċi li għandhom isiru fuq il-prodott użat biex tiżdied il-qawwa alkoħolika.

(28) Huwa obbligatorju, għall-fini ta' monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u ta' tmexxija xierqa tas-suq, li l-Kummissjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha d-dejta adatta dwar l-eżekuzzjoni tal-programmi ta' appoġġ. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jkunu stabbiliti d-dettalji ta' l-informazzjoni li għandha tinbena dwar ir-rapportar u l-evalwazzjoni ta' programmi ta' appoġġ biex tkun valutata l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom.

(29) Ir-regoli ġenerali dwar id-dixxiplina tal-baġit, u b'mod partikulari dawk relatati ma' dikjarazzjonijiet inkompleti jew skorretti min-naħa ta' Stati Membri, għandhom japplikaw flimkien mar-regoli speċifiċi stabbiliti b'dan ir-Regolament.

(30) Dettalji ta' l-amministrazzjoni finanzjarja tas-sistema għandhom ikunu skond ir-regoli adottati għall-implimentazzjoni tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni ([1]).

(31) L-Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jistabbilixxi li, għal meraq u mostijiet, li għalihom l-applikazzjoni ta' dazji doganali tiddependi mill-prezz ta' importazzjoni tal-prodott, l-ammont attwali ta' dan il-prezz ikun ivverifikat jew billi tkun eżaminata kull konsenja jew billi jintuża valur fiss ta' importazzjoni. Il-karatteristiċi kurrenti ta' l-arranġamenti għall-importazzjoni fil-Komunità ta' meraq ta' l-għeneb u mostijiet, b'mod partikulari l-irregolarità ta' importazzjoni bħal din, f'termini kemm ta' volum u frekwenza kif ukoll ta' postijiet ta' importazzjoni u oriġini ta' dawn il-prodotti, ma jippermettux il-kalkolu ta' valuri rappreżentattivi ta' importazzjoni b'rata fissa biex ikun rifless l-ammont attwali tal-prezz ta' importazzjoni. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, dan il-prezz għandu jkun ivverifikat billi tkun eżaminata kull konsenja.

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 1).

▼B

(32) Il-prezz ta’ importazzjoni li abbażi tiegħu prodotti importati jkunu kklassifikati fit-Tariffa Doganali Komuni għandu jkun ugwali għal prezz fob ta’ dawk il-prodotti b’żieda tal-prezz ta’ assigurazzjoni u trasport għall-post ta’ dħul fit-territorju doganali Komunitarju.

(33) L-Artikolu 82(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi li l-prodotti importati koperti b’dak l-Artikolu għandhom ikunu akkumpanjati b’ċertifikat u rapport ta’ analiżi maħruġin minn korp jew servizz maħturin minn pajjiż terz li minnu l-prodotti jkunu esportati. Ir-rekwiżiti li r-rapport ta’ analiżi għandu jissodisfa għandhom ikunu stabbiliti.

(34) Biex il-kontrolli jkunu simplifikati għandha ssir dispożizzjoni biex ma jkunx hemm ħtieġa taċ-ċertifikat u tar-rapport ta’ analiżi fil-każ ta’ prodotti li jkunu importati minn pajjiżi terzi fi kwantitajiet limitati u ppakkjati f’kontenituri żgħar.

(35) Għal raġuni ta’ armonizzazzjoni, l-eżenzjoni mir-rekwiżit li jkun ippreżentat ċertifikat u rapport ta’ analiżi għal prodotti ta’ nbid li jkunu importati fil-Komunità għandha tkun konformi mar-regoli doganali dwar eżenzjoni u l-arranġament applikabbli għal dokumenti li jakkumpanjaw konsenji ta’ prodotti ta’ nbid ġewwa l-Komunità.

(36) L-użu ta’ proċeduri kompjuterizzati qiegħed bil-mod jissostitwixxi l-input manwali ta’ dejta fl-oqsma differenti ta’ l-attività amministrattiva. Għandu, għalhekk, ikun ukoll possibbli li jintużaw proċeduri kompjuterizzati u elettroniċi fil-ħruġ u l-użu ta’ V I 1 u V I 2.

(37) Xi pajjiżi terzi, wara li stabbilew sistema effikaċi biex jagħmlu spezzjoni tal-produtturi tagħhom ta’ l-inbid, implimentata mill-korpi jew servizzi tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 82(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, urew interess fil-possibbiltà li jawtorizzaw lill-produtturi nfushom joħorġu ċertifikati u rapporti ta’ analiżi. Bl-iskop li jitħaffef il-kummerċ ma’ dawk il-pajjiżi terzi, bil-kundizzjoni li huma jkunu qablu dwar impenji mal-Komunità li jinkludu klawsoli dwar kooperazzjoni aktar mill-qrib għall-prevenzjoni ta’ frodi u li jżommu relazzjonijiet kummerċjali tajbin mal-Komunità, ikun jaqbel li dawk konċernati jkunu awtorizzati jqisu dokumenti maħruġin mill-produtturi nfushom bħala dokumenti maħruġin mill-istess korpi jew servizzi tal-pajjiżi terzi, b’mod simili għal dak diġà jitħalla jsir għal inbejjed ta’ oriġini Komunitarja. F’dawk il-każijiet, għandhom jingħataw assigurazzjonijiet adatti u għandu jkun eżerċitat kontroll sewwa dwar il-ħruġ ta’ dokumenti bħal dawk.

(38) Listi bl-ismijiet u bl-indirizzi fihom ta’ l-aġenziji u l-laboratorji awtorizzati f’pajjiżi terzi biex ifasslu ċertifikati u rapporti ta’ analiżi għandhom ikunu pubbliċi biex l-awtoritajiet fil-Komunità li jissorveljaw l-importazzjoni ta’ prodotti ta’ l-inbid ikunu jistgħu, fejn meħtieġ, iwettqu l-kontrolli mitluba.

(39) Biex jitħaffu l-kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stati Membri, il-formola u, fejn meħtieġ, il-kontenut taċ-ċertifikat u r-rapport ta’ analiżi ipprovduti, u r-rekwiżiti għall-użu tagħhom, għandhom ikunu stabbiliti.

▼B

(40) Iċ-ċertifikat u, skond il-każ, ir-rapport ta' analiżi relatat ma' kull konsenja ta' prodott importat għandhom ikunu eżaminati biex ma jitħalliex ikun hemm frodi. Għal dan l-għan, id-dokument(i) għandu/għandhom jakkumpanja(w) kull konsenja sakemm titqiegħed taħt kontroll Komunitarju.

(41) Biex titqies il-prattika kummerċjali, fejn konsenja ta' nbid tkun maqsuma, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jkollhom estratti taċ-ċertifikat u tar-rapport ta' analiżi magħmulin taħt is-superviżjoni tagħhom biex jakkumpanjaw kull konsenja ġdida li tirriżulta mill-qasma.

(42) Minħabba l-ħtieġa li tkun żgurata l-protezzjoni ta' malajr u effikaċi tal-konsumaturi, huwa essenzjali li jkun ipprovdut għall-possibbiltà li l-arranġamenti l-ġodda jkunu sospiżi f'każ ta' frodi jew riskju għas-saħħa tal-konsumaturi.

(43) Regoli sempliċi għandhom ukoll ikunu stabbiliti fir-rigward tad-dokumenti li jkollhom jinġiebu għal importazzjoni minn pajjiż terz ħlief il-pajjiż ta' oriġini tal-prodott ta' l-inbid, fejn dak il-prodott ma jkunx sarlu ipproċessar sostanzjali.

(44) Ix-xogħol ta' l-esportaturi u ta' l-awtoritajiet għandu jkun issimplifikat billi tintalab dikjarazzjoni li l-alkoħol miżjud ma' nbejjed likurużi u nbejjed imsaħħin għad-distillazzjoni jkunu ta' oriġini vinika biex ikunu inklużi fid-dokument V I 1 mingħajr ma jkun meħtieġ ċertifikat separat għal din id-dikjarazzjoni. Għall-istess raġuni, id-dokument V I 1 għandu jitħalla jservi bħala ċ-ċertifikat ta' prova tad-denominazzjoni ta' l-oriġini meħtieġa għall-importazzjoni ta' nbejjed eliġibbli għal tnaqqis ta' tariffa. Iżda ebda ċertifikat jew rapport ta' analiżi ma jkun meħtieġ fil-każ ta' xi nbejjed, bil-kundizzjoni li jkun ippreżentat ċertifikat ta' denominazzjoni ta' oriġini. Għandu jitħalla l-użu tad-dokument V I 1 biex tkun iċċertifikata d-denominazzjoni ta' l-oriġini ta' l-istess inbejjed likurużi, u s-sezzjoni relatata mar-rapport ta' analiżi tista' ma titlestiex.

(45) Importazzjoni ta' nbid taħt konċessjonijiet mogħtija fi ftehimiet ma' ċerti pajjiżi terzi tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikazzjonijiet, maħruġa minn korpi uffiċjali jew korpi rikonoxxuti uffiċjalment miż-żewġ partijiet kontraenti u li jkunu jidhru f'listi magħmulin b'mod konġunt, jiġifieri li l-inbid in kwistjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet għal aċċess għall-konċessjonijiet.

(46) L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni il-listi ta' korpi uffiċjali jew li jkunu uffiċjalment rikonoxxuti li huma jipproponu li għandhom joħorġu ċertifikazzjonijiet bħal dawn, biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel u tiskambja dawk il-listi mal-pajjiżi terzi konċernati. Biex jitħaffef ix-xogħol ta' korpi bħal dawn, il-listi għandhom jingħataw f'formola xierqa u fuq mezz xieraq.

▼B

(47) L-Artikoli 85 u 86 tar-regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għat-trattament ta' taħwil illegali. Jeħtieġ li jkunu stabbiliti regoli dettaljati dwar penalitajiet applikabbli għal produtturi li ma jħarsux ir-regolarizzazzjoni l-ġdida jew l-obbligu ta' taħmil fir-rigward ta' vinji mingħajr dritt korrispondenti ta' taħwil qabel l-1 ta' Settembru 1998 u l-komunikazzjonijiet li għandhom ikunu trasmessi minn Stati Membri lill-Kummissjoni f'dan il-kuntest. Mingħajr preġudizzju għal pieni imposti aktar qabel mill-Istati Membri, il-penali li tapplika fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' l-obbligu li l-art fil-medda illegali titħammel għandha tkun qawwija biżżejjed biex iġġiegħel lil produtturi jħarsu l-obbligu. Għalhekk il-penali għandha tkun talanqas l-ekwivalenti tad-doppju tal-valur medju tal-primjum għat-taħmil ta' l-art.

(48) L-Artikolu 87(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprevedi li għandhom ikunu meħtieġa provi ta' nuqqas ta' ċirkolazzjoni kull meta prodotti ta' vinja illegali jkunu jistgħu jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni għall-fini biss ta' distillazzjoni. Biex jissaħħaħ il-kontroll, il-modi possibbli ta' nuqqas ta' ċirkolazzjoni għandhom ikunu limitati għal tliet każijiet, jiġifieri għal konsenja għad-distillazzjoni jew għal ħsad aħdar għas-speċjeż tal-produttur konċernat jew konsum tal-familja, jekk l-erja totali tal-vinja ta' produttur ma tkunx taqbeż 0,1 ettaru. Ikun jaqbel li jiġi ffissat terminu ta' skadenza li matulu jintbagħtu l-kuntratti ta' distillazzjoni previsti f'dak l-Artikolu. Biex ikunu jistgħu jorganizzaw il-kontroll b'mod effettiv, produtturi li jagħmlu ħsad aħdar għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-intenzjoni tagħhom fi żmienu. Fl-interess ta' kontroll aħjar Stati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jipprevedu notifika obbligatorja bil-quddiem min-naħa tal-produtturi dwar liema mit-tliet modi ta' nuqqas ta' ċirkolazzjoni huma jkun fi ħsiebhom jużaw u wkoll biex jillimitaw aktar l-għażliet tal-produtturi dwar il-modi possibbli ta' nuqqas ta' ċirkolazzjoni.

(49) Biex ikun żgurat l-użu ġust u kontrollabbli tal-baġit Komunitarju, għandhom ikunu previsti pieni b'konsegwenzi finanzjarji f'każ li Stati Membri ma jkunux konformi ma' obbligi ta' komunikazzjoni relatati ma taħwil illegali.

(50) L-Artikolu 91(1) tar-regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għall-għoti ta' drittijiet ġodda ta' taħwil fil-każ ta' miżuri ta' konsolidazzjoni ta' art jew miżuri dwar xiri obbligatorju fl-interess pubbliku. Dawn id-drittijiet ġodda ta' taħwil m'għandhomx ikunu aktar minn dawk meħtieġa biex titħawwel erja ekwivalenti għal 105 % ta' dik mitlufa lil produtturi bħala riżultat ta' dawk il-miżuri, biex ma titħalliex tkun mhedda l-projbizzjoni ta' tħawwil li hemm fl-Artikolu 90(1) ta' dak ir-Regolament.

(51) L-Artikolu 91(1) tar-regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi wkoll għall-għoti ta' drittijiet ġodda ta' taħwil fil-każ ta' esperimenti u mxietel ta' tilqim. Il-meded imħawla skond għotjiet bħal dawn ta' drittijiet ġodda ta' taħwil għandhom jintużaw biss għall-finijiet speċifikati, u prodotti tas-settur ta' l-inbid magħmulin minn għeneb li jkun ġej minn meded bħal dawn m'għandhomx imorru għas-suq. Esperimenti eżistenti fil-vitikoltura u mxietel ta' tilqim għandhom jitħallew ikomplu, soġġetti għar-regoli eżistenti.

▼B

(52) L-Artikolu 91(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi wkoll għall-għoti ta' drittijiet ġodda ta' taħwil fil-każ ta' meded li l-inbid tagħhom jew prodotti tad-dielja jkunu maħsuba biss għall-konsum tal-familja ta' minn ikabbar id-dwieli. Iżda dan jista' xi drabi jwassal għal piż amministrattiv eċċessiv li jkun impost minħabba l-għadd kbir ta' każijiet bħal dawn f'ċerti Stati Membri. Għaldaqstant, Stati Membri jista' jkollhom permess li jħallu wkoll meded bħal dawn jeżistu anki jekk ma jkunux ingħataw drittijiet ta' taħwil fir-rigward tagħhom, bil-kundizzjoni li, biex il-bilanċ tas-suq ma jitħalliex ikun disturbat, il-meded konċernati jkunu żgħar u li min ikabbar id-dwieli ma jkunx impenjat bil-produzzjoni kummerċjali ta' l-inbid. Il-meded u l-produtturi konċernati għandhom ikunu soġġetti għal monitoraġġ u sanzjonijiet xierqa, inkluż it-tħammil ta' meded bħal dawn, f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet ma jkunux osservati.

(53) Drittijiet ta' taħwil mill-ġdid m'għandhomx jingħataw fir-rigward ta' meded li l-art tagħhom tkun tħammlet b'mod obbligatorju minħabba ksur tar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 479/2008. Għall-istess fini, drittijiet ta' taħwil mill-ġdid m'għandhomx jingħataw fir-rigward ta' meded li l-art tagħhom tkun tħammlet u li għalihom ikunu ngħataw drittijiet ta' taħwil mill-ġdid għal finijiet barra dak tal-produzzjoni kummerċjali ta' l-inbid.

(54) L-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għall-għotja ta' drittijiet ta' taħwil mill-ġdid lil produtturi li jimpenjaw lilhom infushom li jħammlu l-art ta' żona ta' dwieli għall-ġejjieni. Għotja bħal din għandha ssir biss jekk il-produttur konċernat ma jkunx jippossiedi drittijiet ta' taħwil biżżejjed biex iħawwel żona li tkun tikkorrispondi mal-wiċċ ta' l-art li jkun bi ħsiebu jħammel. Kull għotja bħal din ta' drittijiet ta' taħwil mill-ġdid abbażi ta' impenn bħal dan għandha tkun akkumpanjata bid-depożitu ta' garanzija biex ikun żgurat li l-impenn li l-art titħammel jitwettaq. Matul il-perjodu ta' koeżistenza ta' l-art imħawla ġdida u ż-żona li l-art tagħha tkun ser titħammel, biex il-bilanċ tas-suq ma jitħalliex ikun disturbat, żona bħal dik biss għandu jkollha l-permess li tipproduċi nbid għas-suq.

(55) L-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi għall-ħolqien jew iż-żamma ta' riżervi nazzjonali u/jew reġjonali biex titjieb il-ġestjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni. Biex il-bilanċ tas-suq ma jitħalliex ikun disturbat, it-trasferiment ta' drittijiet permezz ta' sistema ta' riżerva m'għandux iwassal għal żieda globali fil-potenzjal tal-produzzjoni fit-territorju ta' l-Istati Membri. Projbizzjoni simili li ma jkunx hemm żieda fil-potenzjal tal-produzzjoni diġà ngħatat fil-każ ta' trasferiment ta' drittijiet bejn azjendi fl-Artikolu 92(5) ta' dak ir-Regolament. F'dawn is-sitwazzjonijiet, Stati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent ta' riduzzjoni fir-rigward ta' trasferimenti ta' drittijiet.

▼B

(56) L-Artikolu 93(5) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi li Stati Membri m'għandhomx jimplimentaw is-sistema ta' riżerva jekk ikunu jistgħu juru li teżisti sistema effikaċi għall-ġestjoni ta' drittijiet ta' taħwil mat-territorju tagħhom kollu. F'din is-sitwazzjoni Stat Membru jista' jipprovdi għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' riżerva f'partijiet tar-territorju tiegħu u ta' sistema effikaċi oħra f'partijiet oħra tat-territorju tiegħu. Stati Membri li jkunu jixtiequ jużaw l-għażla skond dak l-Artikolu għandhom ikunu jistgħu jġibu prova li sistema bħal dik teżisti u juru l-ħtieġa ta' kull deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I tat-Titolu V ta' dak ir-Regolament.

(57) L-Artikolu 90(6) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi li Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżommu l-projbizzjoni ta' taħwil ta' dwieli ta' varjetajiet ta' għeneb ta' l-inbid sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018. Huwa tajjeb li jkun previst li Stati Membri li jkun bi ħsiebhom japprofittaw minn din il-possibbiltà jikkomunikaw dan f'waqtu lill-Kummissjoni.

(58) L-Artikolu 100 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprevedi li l-primjum għat-tħammil ta' l-art jista' jingħata biss lil meded li jkunu kkoltivati. Biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jivverifikaw jekk żona tkunx ikkoltivata sewwa, barra minn kontrolli obbligatorji fil-post, għandhom ikunu previsti provi dwar il-produzzjoni ta' vinja partikulari. Dan għandu jsir permezz tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' ħsad tas-snin ta' qabel, jew, jekk id-dikjarazzjoni dwar il-ħsad ma tkunx tista' tinkiseb minħabba raġunijiet ġustifikati sewwa, b'mezzi oħra previsti mill-Istati Membri għal dan il-fini, li affidabbiltà tagħhom għandha tkun verifikata bir-reqqa mill-Istati Membri.

(59) Skond l-Artikolu 104(4) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, Stati Membri jistgħu jeżentaw meded imuntanjuži jew imżerżqin ħafna mill-iskema ta' taħmil. Din l-eżenzjoni għandha tkopri dweili mtarrġa f'terrazzi stabbiliti minħabba l-ġnub weqfin ta' l-għoljiet li l-koltivazzjoni mingħajr dawn it-terrazzi jagħmluha diffiċli wisq jew inkella jwasslu għal problemi serji ta' erożjoni. Huwa xieraq li jkunu stabbiliti kriterji għal meded li jistgħu jkunu soġġetti għal esklużjoni bħal din, imsejsa fuq standards professjonali ġeneralment aċċettati. Barra dan, skond l-Artikolu 104(5) u (6) ta' dak ir-Regolament, Stati Membri jistgħu wkoll jeżentaw meded bbażati fuq ħtiġijiet ambjentali, u l-Greċja tista' teżenta meded imħawla bi dwieli fil-gżejjer Eġej u l-gżejjer Joniċi Griegi, bl-eċċezzjoni ta' Kreta u Ewbja. Dawn l-eżenzjonijiet għandhu jkollhom bażi tajba u għandhom ikunu kkomunikati regolarment lill-Kummissjoni.

(60) Meqjusa l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' miżura preċedenti ta' abbandun permanenti, is-sistema ta' l-iskali tal-primjum għandha tinżamm. L-iskali l-ġodda tal-primjum tat-tħammil huma relatati ma' l-iskali tal-primjum validu skond l-iskema qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, biż-żieda ta' +20 % għalihom fl-2009, +10 % fl-2010 u 0 % fl-2011.

▼B

(61) Minħabba s-sussidjarjetà, Stati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-arranġamenti amministrattivi dwar il-proċedura ta' applikazzjoni għall-primjum tat-tħammil. Għandhom ikunu liberi li jiddeċiedu dwar id-data sa meta jitolbu lil produtturi biex ilestu l-miżura ta' tħammil, biex ikollhom żmien biżżejjed għall-kontroll meħtieġ qabel il-ħlasijiet, li għandhom isiru sal-15 ta' Ottubru.

(62) Biex jitħalla jsir użu effiċjenti tal-fondi riżervati għall-miżura ta' tħammil, Stati Membri għandhom jipprevedu sistema li tippermetti l-verifika jekk l-applikazzjonijiet għall-primjum ikunux imsejsa tajjeb, inklużi, jekk ikun il-każ, impenn bil-miktub li għandu jsir mill-produttur u l-obbligu li jġorr l-ispejjeż imġarrba rigward it-trattament tat-talba f'każ li l-applikazzjoni tkun irtirata mingħajr raġuni ġustifikata kif imiss.

(63) Fl-interess tal-verifika, il-ħlas tal-primjum għandu jsir biss jekk it-tħammil ikun twettaq.

(64) L-Artikolu 104(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jipprovdi l-possibbiltà għal Stati Membri li jirrifjutaw kull applikazzjoni ġdida ta' l-iskema ta' taħmil fuq it-territorju tagħhom jew f'reġjun partkolari jekk l-erja mħammla akkumulata tilħaq it-8 % jew l-10 %, rispettivament. Ikun xieraq li Stati Membri jintalbu li jikkomunikaw deċiżjoni bħal din lill-Kummissjoni.

(65) Ikun obbligatorju, għall-fini ta' monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tat-Titoli II u V tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u l-ġestjoni sewwa tas-suq, li l-Kummissjoni tirċievi l-informazzjoni t-tajba dwar il-potenzjal tal-produzzjoni. F'dan il-kuntest jeħtieġ li jkunu stabbiliti d-dettalji ta' l-informazzjoni li għandha titniżżel fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 109 ta' dak ir-Regolament.

(66) Biex tinħoloq bażi aktar uniformi għal ħlasijiet ta' l-appoġġ għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, il-ħsad aħdar u l-primjum tat-tħammil, ikun jixraq li jkunu definiti, fuq livell Komunitarju, regoli dwar il-qies ta' meded, jiġifieri dwar dak li jikkorrispondi maż-żona mħawla bi dwieli.

(67) Għandhom ikunu stabbiliti miżuri għall-kontrolli meħtieġa biex tkun żgurata l-applikazzjoni sewwa tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u ta' dan ir-Regolament, u s-sanzjonijiet adatti applikabbli għal irregolaritajiet misjuba. Dawk il-miżuri għandhom jinvolvu kemm kontrolli u sanzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-livell Komunitarju, kif ukoll kontrolli u sanzjonijiet nazzjonali addizzjonali. Il-kontrolli u s-sanzjonijiet għandhom ikunu dissważivi, effikaċi u proporzjonati.

(68) Kull kontroll relatat mal-potenzjal tal-produzzjoni għandu jkun ibbażat primarjament fuq ir-reġistru tal-vinja.

▼B

(69) Waqt li titqies l-importanza tal-kontroll tal-potenzjal tal-produzzjoni u l-fondi involuti fl-iskema ta' taħmil, għandha tkun prevista verifika sistematika fil-post taż-meded konċernati kemm qabel kif ukoll wara l-eżekuzzjoni tat-taħmil. Iżda għal Stati Membri li jiddisponu minn mezz ġeografiku affidabbli u informazzjoni aġġornata dwar il-medda konċernata, għandu jkun possibbli li jsir il-kontroll qabel it-taħmil b'mod amministrattiv. Dwar il-kontroll wara t-taħmil, jista' jintuża t-telerilevament biex ikun ivverifikat li d-dwieli kienu fil-fatt tħammlu u, għalhekk, l-użu tiegħu għandu jkun permess għal dan l-istadju (ex post) ta' kontroll. Minħabba d-diffikultajiet biex tkun ikkalkulata l-erja permezz tat-telerilevament, dan il-metodu għandu jkun awtorizzat biss f'każijiet ta' taħmil ta' rqajja' ta' vinji sħaħ jew jekk ir-riżoluzzjoni tat-telerilevament tkun daqs jew aħjar minn 1 m^2. F'kull każ, għallanqas jew il-kontroll qabel jew dak wara t-taħmil għandu jitwettaq attwalment fil-post.

(70) Għall-fini ta' l-applikazzjoni uniformi ta' dispożizzjoni dwar is-settur ta' l-inbid, għandhom ikunu adottati regoli bil-għan li jkunu speċifikati l-proċeduri ta' kontroll diġà fis-seħħ f'livell nazzjonali u Komunitarju, min-naħa l-waħda, u li tkun żgurata l-kollaborazzjoni diretta bejn il-korpi responsabbli għal kontrolli fis-settur ta' l-inbid, min-naħa l-oħra.

(71) Għandu jkun hemm regoli li jmexxu l-mod kif il-korpi nazzjonali u l-Kummissjoni jgħinu lil xulxin biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta ta' regoli tas-settur ta' l-inbid. Regoli bħal dawn ma għandhomx ma jħallux l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar infiq Komunitarju, dwar kwistjonijiet kriminali jew penalitajiet amministrattivi nazzjonali.

(72) Stati Membri għandhom jiżguraw l-effikaċja tal-ħidma tal-korpi responsabbli mill-kontrolli fis-settur ta' l-inbid. Għal dak il-fini, huma għandhom jaħtru korp responsabbli mir-relazzjonijiet ta' bejniethom u mal-Kummissjoni. Huwa wkoll vitali li operazzjonijiet ta' kontroll ikunu koordinati bejn il-korpi kompetenti fl-Istati Membri kollha fejn kontrolli fis-settur ta' l-inbid ikunu nqasmu bejn diversi korpi kompetenti.

(73) Biex jgħinu fl-applikazzjoni uniformi tar-regoli mal-Komunità kollha Stati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-persunal tal-korpi kompetenti jkollu setgħat adegwati ta' investigazzjoni biex jiggarantixxi l-konformità mar-regoli.

(74) L-interdipendenza tas-swieq tas-settur ta' l-inbid hija riflessa fl-evoluzzjoni tal-kummerċ bejn Stati Membri, b'mod partikulari biż-żieda kostanti fl-għadd ta' kumpaniji internazzjonali attivi fis-settur, u fil-possibiltajiet offruti mir-regoli tal-ġestjoni tas-settur biex operazzjonijiet, kemm jekk megħjuna u kemm jekk le, jitwettqu f'post jew ikunu trasferiti għal post barra dak minn fejn il-prodott joriġina. Sitwazzjoni bħal din titlob li jkun hemm aktar armonizzazzjoni ta' metodi ta' kontroll u kollaborazzjoni mill-qrib bejn id-diversi korpi responsabbli mill-kontrolli.

▼B

(75) Għall-fini ta' kollaborazzjoni effikaċi bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' regoli tas-settur ta' l-inbid, il-korpi kompetenti ta' Stati Membri għandhom ikunu jistgħu, meta jitolbu, li jirrelataw ma' korpi kompetenti fi Stat Membru ieħor. Għandhom jitfasslu r-regoli li jmexxu dik ir-relazzjoni u l-assistenza.

(76) Minħabba n-natura kumplessa ta' ċerti kwistjonijiet u l-ħtieġa urġenti li jkun hemm soluzzjoni għalihom, huwa vitali li korp kompetenti li jitlob assistenza jkun jista', bi qbil ma' korp kompetenti ieħor, ikollu aġenti awtorizzati maħturin minnu preżenti meta jsiru investigazzjonijiet.

(77) F'każ ta' riskju gravi ta' frodi jew frodi li tolqot Stat Membru wieħed jew bosta Stati Membri, id-diversi Stati konċernati għandhom ikunu jistgħu jimplimentaw b'mod awtomatiku proċedura ta' assistenza mingħajr ma jitolbuha.

(78) Minħabba n-natura ta' l-informazzjoni skambjata permezz ta' dan ir-Regolament, hija għandha tkun koperta b'kunfidenzjalità professjonali.

(79) Ir-Regolament (KE) Nru 2729/2000 jistabbilixxi bank ta' dejta ta' analiżi fiċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka (JRC) bl-iskop li jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni ta' kontrolli analitiċi mal-Komunità kollha u li jġib flimkien kampjuni u rapporti ta' analiżi mingħand Stati Membri.

(80) L-użu ta' metodi ta' referenza ta' analiżi iżotopika għandu jiżgura kontroll aktar effikaċi ta' arrikkiment ta' prodott ta' l-inbid jew is-sejba taż-żieda ta' ilma fi prodotti bħal dawn jew, bl-użu mar-riżultati ta' l-analiżi ta' karatteristiċi oħra iżotopiċi ta' prodotti bħal dawn, jgħin biex tkun verifikata l-konformità ma' l-oriġini indikat f'isimhom. Biex issir interpretazzjoni b'mod aktar ħafif tar-riżultati ta' analiżi bħal din, għandu jkun possibbli li dawk ir-riżultati jitqabblu ma' riżultati miksubin qabel bl-użu ta' l-istess metodi matul l-analiżi ta' prodotti b'karatteristiċi simili u b'oriġini u produzzjoni awtentikati.

(81) Analiżi iżotopika ta' nbid jew ta' prodotti derivati mill-inbid issir billi jintużaw il-metodi analitiċi ta' referenza msemmija fl-Artikolu 31 tar-regolament (KE) Nru 479/2008.

(82) Biex titħaffef l-interpretazzjoni tar-riżultati miksubin minn analiżi bħal din magħmula f'laboratorji Komunitarji mgħammra għal dan il-fini u biex ikun garantit li r-riżultati miksubin f'laboratorji bħal dawn ikunu komparabbli, għandhom jitfasslu regoli uniformi dwar it-teħid ta' kampjuni ta' għeneb u għall-vinifikazzjoni u l-ħażna ta' kampjuni bħal dawn.

(83) Biex tkun garantita l-kwalità u komparabbiltà ta' dejta analitika, għandha tkun applikata sistema ta' standards rikonoxxuti ta' kwalità lil-laboratorji indikati minn Stati Membri biex jagħmlu analiżi iżotopika ta' kampjuni għall-bank tad-dejta.

▼B

(84) Analiżi iżotopika hija metodu analitiku wżat għall-kontroll u biex tikkumbatti l-frodi fis-settur ta' l-inbid li jeħtieġlu għarfien xjentifiku u tagħmir tekniku speċjali ħafna. L-Istati Membri kważi kollha li aċċedew mal-Komunità fl-2004 jew fl-2007 m'humiex mgħammra biex iħaddmu dan il-metodu. Biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi ta' proċeduri ta' kontroll, iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka għandu jagħmel l-analiżi għal dawk l-Istati Membri għal perjodu sakemm ikunu mgħammra kompletament u kompetenti biex jesegwixxu dak ix-xogħol.

(85) Analiżi iżotopika ta' prodotti fis-settur ta' l-inbid u interpretazzjoni tar-riżultati huma proċeduri delikati u, u biex titħalla jkun hemm interpretazzjoni uniformi ta' riżultati ta' analiżi bħal dawn, il-bank tad-dejta ta' JRC għandu jkun aċċessibbli għal laboratorji uffiċjali li jużaw dak il-metodu analitiku u, meta jitolbu, lil korpi oħra uffiċjali fl-Istati Membri, waqt li jkunu rrispettati l-prinċipji tal-protezzjoni ta' dejta privata.

(86) Ir-Regolament (KE) Nru 2729/2000 fih regoli għat-teħid ta' kampjuni biex jintbagħtu lil laboratorju uffiċjali fi Stat Membru ieħor u regoli komuni għat-teħid ta' kampjuni li għandhom ikunu analizzati b'metodi iżotopiċi. Dawk ir-regoli għandhom ikunu adottati u t-teħid ta' kampjuni għall-bank tad-dejta Komunitarju għandu jitqies li jkun istanza għat-teħid ta' kampjuni ta' prodott tas-settur ta' l-indid bħala parti mis-sistema ta' relazzjoni diretta bejn korpi.

(87) Biex tkun garantita n-natura oġġettiva tal-kontrolli, l-uffiċjali tal-korp kompetenti ta' Stat Membru għandhom ikunu jistgħu jitolbu lil korp kompetenti fi Stat Membru ieħor biex jagħmlu t-teħid ta' kampjuni. L-uffiċjal li jagħmel it-talba għandu jkollu aċċess għall-kampjuni meħudin u jkun jista' jispeċifika l-laboratorju fejn għandhom ikunu analizzati.

(88) Għandhom jitfasslu regoli dettaljati għat-teħid uffiċjali ta' kampjuni bħala parti mill-kollaborazzjoni bejn korpi kompetenti ta' Stati Membri u għall-użu ta' kampjuni bħal dawk. Regoli bħal dawn għandhom jiggarantixxu rappreżentanza u l-possibbiltà ta' verifika tar-riżultati ta' analiżi uffiċjali mal-Komunità kollha.

(89) Biex tkun simplifikata l-amministrazzjoni ta' nfiq relatata mat-teħid u l-konsenja ta' kampjuni, analiżi u ttestjar organolettiku u t-tħaddim ta' servizz ta' espert, għandu jkun stabbilit il-prinċipju li nfiq bħal dan għandu jitħallas mill-korp li jordna t-teħid ta' kampjun jew is-servizzi ta' l-espert.

(90) Il-forza konklussiva tas-sejbiet minn kontrolli magħmulin skond dan ir-Regolament għandha tkun speċifikata.

(91) Biex ikun garantit li kontrolli u teħid ta' kampjuni ta' għeneb f'vinji jitħaddmu mingħajr diffikultajiet, għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet biex partijiet interessati ma jitħallewx ifixklu kontrolli li jolqtu lilhom u biex huma jkunu obbligati jiffaċilitaw it-teħid ta' kampjuni u jagħtu l-informazzjoni meħtieġa skond dan ir-Regolament.

▼B

(92) Għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar it-tip, il-format u l-mezzi ta' komunikazzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn għandhom jinkludu komunikazzjonijiet mingħand Stati Membri lill-Kummissjoni.

(93) Biex ikun żgurat użu ġust u kontrollabbli tal-baġit Komunitarju, għandhom ikunu previsti pieni b'konsegwenzi finanzjarji f'każ li Stati Membri ma jħarsux obbligi ta' komunikazzjoni.

(94) Informazzjoni meħtieġa għall-verifika u awditjar ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha tinżamm minn Stati Membri għal spezzjoni għal perjodu xieraq.

(95) Il-ħlasijiet magħmulin skond it-Titolu II u t-Titolu V tar-regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom isiru b'mod sħiħ lill-benefiċjarji. Biex ma jitħalliex ikun hemm piż amministrattiv mhux meħtieġ, Stati Membri għandhom jitħallew iħallsu l-appoġġ ta' assigurazzjoni lil produtturi permezz ta' kumpaniji ta' assigurazzjoni b'konformità ma' ċerti kundizzjonijiet.

(96) Għandhom isiru dispożizzjonijiet biex ikun hemm soluzzjoni għal każijiet ta' żball ċar, *force majeure* u ċirkostanzi eċċezzjonali oħra biex ikun żgurat trattament ġust ta' produtturi. Għandhom ikunu pprovduti regoli għal sitwazzjonijiet maħluqa artifiċjalment biex ma jitħalla jittieħed l-ebda benefiċċju minn sitwazzjonijiet bħal dawn.

(97) Għandom isiru dispożizzjonijiet għal tranżizzjoni mingħajr diffikultajiet mis-sistema preċedenti għas-sistema l-ġdida stabbilita f'dan ir-Regolament u għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 128 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

(98) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma ta l-ebda opinjoni fiż-żmien stipulat mill-president tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTIVI

Artikolu 1

Ambitu u użu ta' termini

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 479/2008:

(a) miżuri ta' appoġġ (Titolu II),

(b) kummerċ ma' pajjiżi terzi (Titolu IV),

(ċ) potenzjal tal-produzzjoni (Titolu V),

(d) inventarju kif previst fl-Artikolu 109,

(e) kontrolli fis-settur ta' l-inbid (Artikolu 117) u

(f) qies ta' meded kif previst fl-Artikolu 121(ċ).

▼B

Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-applikazzjoni ta':

(a) dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw relazzjonijiet bejn Stati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi fis-settur ta' l-inbid sakemm ikunu tax-xorta li jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,

(b) regoli relatati ma':

(i) proċedimenti kriminali jew assistenza reċiproka bejn Stati Membri f'livell ġudizzjarju f'materja kriminali,

(ii) il-proċedura dwar pieni amministrattivi.

2. Termini wżati fir-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandu jkollhom l-istess tifsira meta jkunu wżati f'dan ir-Regolament.

▼M1

3. Għall-għanijiet tat-Titolu II, "operazzjoni" għandha tfisser proġett, kuntratt jew arranġament, jew azzjoni oħra inkluża fi programm speċifiku ta' appoġġ, li tikkorrispondi għal kwalunkwe attività taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u implimentata minn benefiċjarju wieħed jew aktar.

▼B

TITOLU II

PROGRAMMI TA' APPOĠĠ

KAPITOLU I

Proċedura għal sottomissjoni

▼M5

Artikolu 2

Sottomissjoni tal-programmi ta' appoġġ

1. L-ewwel sottomissjoni tal-abbozz tal-programm ta' appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 103k(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha tirreferi għall-ħames snin finanzjarji mill-2009 sal-2013.

▼M7

Għas-snin finanzjarji mill-2014 sal-2018, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-abbozz tal-programm ta' appoġġ tagħhom lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu 2013. Permezz ta' deroga, il-Kroazja għandha tibgħat l-abbozz ta' programm ta' appoġġ sal-1 ta' Lulju 2013. Jekk il-pakketti nazzjonali previsti mis-sena finanzjarja 2014 'il quddiem huma mmodifikati wara dik id-data, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-programmi ta' appoġġ kif xieraq.

▼M5

L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-abbozz ta' programm ta' appoġġ tagħhom disponibbli għall-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi bl-użu tal-formola fl-Anness I.

L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-ippjanar finanzjarju tagħhom għall-abbozz ta' programm ta' appoġġ imsemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi lill-Kummissjoni fil-formola stabbilita fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-leġislazzjoni tagħhom rigward l-abbozz tal-programmi ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1 ladarba din tiġi adottata u modifikata. Din in-notifika tista' issir billi l-Kummissjoni tiġi mgħarrfa dwar is-sit fejn il-leġislazzjoni kkonċernata hija disponibbli għall-pubbliku.

▼M6

3. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jnaqqsu, mis-sena finanzjarja 2015 ‘il quddiem, l-ammont disponibbli għall-programmi ta’ appoġġ biex iżidu l-livelli massimi nazzjonali tagħhom għall-pagamenti diretti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 40 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([1]), għandhom jinnotifikaw dawn l-ammonti qabel l-1 ta’ Awwissu 2013. Id-dejta sottomessa fil-formuli provduti fl-Annessi I, II, III, VII u VIII għandha tiġi addattata skont dan jekk dak it-tnaqqis ma jkunx diġà ġie previst fl-abbozz tal-programm ta’ appoġġ ippreżentat sal-1 ta’ Marzu 2013.

▼M5

4. Stati Membri li jiddeċiedu li jistabbilixxu l-programmi ta’ appoġġ tagħhom inkluż partikularitajiet reġjonali jistgħu jissottomettu wkoll dettalji skont ir-reġjun fil-formola pprovduta fl-Anness III.

5. L-Istati membri għandhom iġorru r-responsabbiltà għan-nefqa bejn id-data meta jasal il-programm ta' appoġġ tagħhom għand il-Kummissjoni u d-data tal-applikabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 103k(2) tal-ewwel subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

▼B

Artikolu 3

Modifiki ta’ programmi ta’ appoġġ

1. Programmi riveduti msemmijin fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fil-formola indikata fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament, inkluż, jekk ikun japplika, l-ippjanar finanzjarju rivedut fil-formola indikata fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament.

Stati Membri msemmijin fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ma jkunx jeħtiġilhom jibagħtu l-formola indikata fl-Anness IV.

Stati Membri għandhom jieħdu r-responsabbiltà għal infiq bejn id-data li fiha tkun riċevuta r-reviżjoni tal-programm ta’ appoġġ tagħhom mill-Kummissjoni u d-data ta’ meta tibda tapplika skond l-Artikolu 5(2) it-tieni punt tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

2. Ħlief f’każi ta’ miżuri ta’ emerġenza minħabba diżastri naturali, tibdiliet fir-rigward ta’ programmi ta’ appoġġ m’għandhomx jintbagħtu aktar minn darbtejn għal kull sena finanzjarja. Jekk Stat Membru jsib li jkun jeħtiġlu jbiddel il-programm ta’ appoġġ tiegħu, huwa għandu jibagħtu sa l-1 ta’ Marzu u t-30 Ġunju ta’ kull sena, u mhux aktar tard, flimkien ma’, skond il-każ:

(a) verżjonijiet aġġornati tal-programm ta’ appoġġ fil-formola indikata fl-Anness I u tat-tabella finanzjarja fil-formola indikata fl-Anness IV;

(b) ir-raġunijiet għat-tibdiliet proposti.

Kull trasferiment dwar il-miżura kif imsemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandu jkun notifikat qabel l-1 ta’ Diċembru li jiġi qabel is-sena kalendarja li fiha l-Iskema ta’ Ħlas Wieħed tkun applikabbli.

([1]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

▼B

KAPITOLU II

Miżuri eliġibbli

Sezzjoni 1

Promozzjoni fi swieq ta' pajjiż terz

Artikolu 4

Operazzjonijiet eliġibbli u swieq

Inbejjed imsemmijin fl-Artikolu 10(2) tar-regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom ikunu eliġibbli għal promozzjoni fi swieq ta' pajjiżi terzi bil-kundizzjoni li:

(a) il-prodotti jkunu maħsubin għal konsum dirett, opportunitajiet ta' esportazzjoni, jew potenzjalment ikunu jeżistu għalihom postijiet ta' bejgħ fi swieq ġodda fil-pajjiżi terzi mmirati, u juru li jkollhom valur għoli miżjud;

(b) l-oriġini tal-prodott ikun indikat bħala parti minn operazzjoni ta' informazzjoni jew promozzjoni fil-każ ta' nbid b'indikazzjoni ġeografika;

(ċ) l-operazzjoni megħjuna tkun definita b'mod ċar, inkluża l-ispeċifikazzjoni ta' liema prodotti jkunu jistgħu jitqiesu, l-operazzjoni tas-suq u l-istima ta' l-ispiża;

▼M6

(d) għal kull perjodu ta' programmar, l-appoġġ għall-promozzjoni u l-informazzjoni ma jdumx iktar minn tliet snin għal benefiċjarju partikolari f'pajjiż terz partikolari; madanakollu, jekk ikun meħtieġ, jista' jiġi mġedded darba, għal perjodu mhux itwal minn sentejn;

▼B

(e) il-messaġġi ta' l-informazzjoni u/jew tal-promozzjoni jkunu msejsa fuq il-kwalitajiet intrinsiċi ta' l-inbid, u jkunu konformi mal-liġijiet applikabbli fil-pajjiżi terzi li fihom ikunu mmirati;

(f) Il-benefiċjarji għandu jkollhom kapaċità biżżejjed li jiffaċċjaw il-limitazzjonijiet speċifiċi tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi u jkollhom riżorsi biex jiżguraw li l-miżura tkun implimentata b'mod effikaċi kemm jista' jkun. Stati Membri għandhom b'mod partikulari jaraw li jkunu jistgħu jinkisbu prodotti biżżejjed fir-rigward ta' kwalità u kwantità biex ikun żgurat li d-domanda tas-suq tintlaqa' għal tul ta' żmien wara l-operazzjoni ta' promozzjoni.

Il-benefiċjarji jistgħu jkunu kumpaniji privati, kif ukoll organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet ta' produtturi, organizzazzjonijiet interprofessjonali jew, fejn Stat Membru hekk jiddeċiedi, korpi pubbliċi. F'kull każ, Stati Membri m'għandhomx jagħmlu lil korp pubbliku l-benefiċjarju waħdani tal-miżura ta' promozzjoni.

▼M6

_____

▼B

Biex ma jitħalliex isir użu ħażin ta' l-iskema, l-elementi msemmija fil-paragrafi (a) u (ċ) m'għandhomx jitħallew ikollhom tibdiliet matul id-durata ta' l-azzjonijiet megħjuna sakemm ma jkunx hemm prova li turi li tibdiliet bħal dawk jippermettu tlestija aħjar.

▼B

Artikolu 5

Proċedura ta' għażla

1. ►M3 Stati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċedura ta' applikazzjoni u l-proċedura ta' tiġdid possibbli, kif imsemmi f'punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4, li għandhom, b'mod partikulari, jipprovdu regoli dettaljati dwar: ◄

(a) verifika tal-konformità mar-rekwiżiti indikati fl-Artikolu 4;

(b) skadenzi għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet u għal eżami ta' l-idonejità ta' kull azzjoni proposta;

(ċ) regoli għall-prodotti konċernati u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet nazzjonali u l-ispeċifikazzjoni rilevanti;

(d) regoli dwar il-konklużjoni ta' kuntratti, inklużi, kemm jista' jkun, formoli standard, provvediment għal garanziji u arranġamenti għall-ħlas ta' self;

▼M3

(e) l-evalwazzjoni ta' kull azzjoni partikulari megħjuna. F'każ ta' tiġdid skont il-punt (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4, se jiġu evalwati wkoll ir-riżultati tal-azzjonijiet megħjuna qabel it-tiġdid.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-applikazzjoni b'mod partikulari skond il-kriterji li ġejjin:

(a) konsistenza bejn l-istrateġiji proposti u l-għanijiet stabbiliti;

(b) il-kwalità tal-miżuri proposti;

(ċ) x'aktarx ikun l-impatt u s-suċċess biex tiżdied it-talba għall-prodotti konċernati;

(d) assigurazzjonijiet li l-operaturi involuti jkunu effikaċi u jkollhom aċċess għall-kapaċità teknika meħtieġa u li l-ispiża tal-miżura li hija stess tippjana li twettaq ma taqbiżx ir-rati normali tas-suq.

▼M6

3. Wara li jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħżlu lil dawk li joffru l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz. Preferenza għandha tingħata lil:

(a) intrapriżi mikro, żgħar u dawk ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([1]);

(b) benefiċjarji ġodda li ma rċevewx appoġġ fil-passat; u

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

▼M6

(c) benefiċjarji li jkunu qegħdin jimmiraw lejn pajjiż terz ġdid li għalih ma rċevew l-ebda appoġġ fil-passat bħala parti minn din l-iskema.

L-Istati Membri għandhom jippreparaw elenku fil-limiti tal-fondi disponibbli u għandhom jikkomunikaw dak l-elenku lill-Kummissjoni billi jużaw il-formula stabbilita fl-Anness VIII biex jippermettu lill-Istati Membri l-oħra li jkunu informati u biex iżidu l-koerenza tal-miżura.

▼B

4. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jiddeċiedu li jagħżlu operazzjoni ta' promozzjoni konġunta. Jobbligaw ruħhom li jikkontribwixxu fl-iffinanzjar u jaqblu dwar proċeduri ta' kollaborazzjoni amministrattiva biex jiffaċilitaw il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u s-sorveljanza.

5. Stati Membri għandhom jiżguraw li kull kampanja sostnuta nazzjonali jew reġjonali tkun taqbel ma' miżuri ffinanzjati skond ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 jew ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u ma' miżuri ffinanzjati skond kampanji nazzjonali u reġjonali.

6. Ma jingħata ebda appoġġ skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għal operazzjoni partikulari megħjuna skond l-Artikolu 20(ċ)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008.

7. Stati Membri jistgħu jipprovdu biex appoġġ jingħata bil-quddiem qabel ma tkun implimentata kull operazzjoni, bil-kundizzjoni li l-benefiċjarju ikun iddepożita garanzija.

8. Fejn Stati Membri jagħtu għajnuna nazzjonali għal promozzjoni, huma għandhom jikkomunikawha fil-parti rilevanti ta' l-Annessi I, V, VII u VIII ta' dan ir-Regolament.

Sezzjoni 2

Ristrutturar u konverżjoni ta' vinji

▼M6

Artikolu 6

Operazzjonijiet mhux eliġibbli

1. Għall-fini tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 103q(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, "it-tiġdid normali ta' vinji li jkunu waslu fi tmiem il-ħajja naturali tagħhom" għandu jfisser it-tħawwil mill-ġdid tal-istess roqgħa art bl-istess varjetà skont l-istess sistema ta' tkabbir tad-dwieli. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu iktar speċifikazzjonijiet, speċjalment fir-rigward tal-età tal-vinji mibdulin.

2. L-operazzjonijiet li ġejjin mhumiex eliġibbli:

(a) l-iġġestjonar ta' kuljum tal-vinja,

(b) il-protezzjoni kontra ħsara minn annimali li huma kkaċċjati, għasafar jew silġ,

▼M6

(c) it-twaqqif ta' lqugħ kontra r-riħ u ħitan ta' protezzjoni kontra r-riħ,

(d) toroq privati u liftijiet.

▼B

Artikolu 7

Proċedura u applikazzjonijiet

1. Stati Membri għandhom jistabbilixxu:

(a) termini ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ristrutturar, li m'għandhomx jaqbżu l-ħames snin;

(b) korpi jew individwi li jkunu jistgħu jissottomettu abbozzi ta' applikazzjonijiet;

(ċ) kriterji oġġettivi li jingħataw prijorità b'mod partikulari skond l-Artikolu 104(9) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;

(d) il-kontenut tat-talba, li għandha tinkludi deskrizzjonijiet dettaljati tal-miżuri proposti u skadenzi proposti għall-eżekuzzjoni tagħhom;

(e) il-proċedura għall-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tat-talba, li għandha tipprovdi, b'mod partikulari, għal skadenzi għas-sottomissjoni ta' talbiet u kriterji oġġettivi biex jingħataw prijorità;

(f) rekwiżit li t-talbiet kollha aċċettati minn produtturi għandhom jiddikjaraw, għal kull sena finanzjarja, il-miżuri li jkollhom ikunu implimentati f'dik is-sena finanzjarja, u ż-żona milquta b'kull miżura u l-proċeduri għall-monitoraġġ ta' tali implimentazzjoni.

2. Stati Membri jistgħu jistabbilixxu d-daqs minimu taż-żona li tkun tista' tikkwalifika għal appoġġ għal ristrutturar u konverżjoni, u daqs minimu ta' żona li jirriżulta minn ristrutturar u konverżjoni u kull deroga minn dan ir-rekwiżit li għandha tkun iġġustifikata kif imiss u bbażata fuq kriterji oġġettivi.

▼M6

Artikolu 8

Livelli ta' appoġġ

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 103q tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u ta' dan il-Kapitolu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli li jistipulaw l-azzjonijiet eliġibbli ta' ristrutturar u konverżjoni u l-ispejjeż eliġibbli rispettivi tagħhom. Ir-regoli għandhom jiġu mfassla biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-għan tal-iskema.

Ir-regoli jistgħu jipprevedu, b'mod partikolari, jew għall-pagament ta' ammonti b'rati fissi, jew għal-livelli massimi ta' appoġġ għal kull ettaru. Barra minn hekk, ir-regoli jistgħu jipprevedu għall-aġġustament tal-appoġġ abbażi tal-kriterji tal-għan.

▼M6

2. Biex jiġi evitat il-kumpens żejjed, fejn l-Istati Membri jagħmlu użu minn ammonti b'rata fissa, dawn għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' kalkulazzjoni preċiża tal-ispejjeż attwali ta' kull tip ta' operazzjoni. L-ammonti b'rata fissa jistgħu jiġu addattati kull sena jekk ġustifikat.

3. L-appoġġ jitħallas għall-medda mħawwla, definita skont l-Artikolu 75(1).

▼B

Artikolu 9

Ġestjoni Finanzjarja

1. ►M3 L-appoġġ għandu jitħallas ġaladarba jkun ġie aċċertat li jew applikazzjoni waħdanija jew l-operazzjonijiet kollha koperti mill-applikazzjoni għall-appoġġ, skont l-għażla li jagħmel l-Istat Membru għall-ġestjoni tal-miżura, jkunu ġew implimentati u kkontrollati fil-post, skont l-Artikolu 81 ta' dan ir-Regolament. ◄

Meta l-appoġġ normalment ikun jista' jitħallas biss wara l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet kollha, l-appoġġ madankollu għandu jitħallas għall-operazzjnijiet singoli implimentati, jekk il-bqija ta' l-operazzjonijiet ma setgħux jitwettqu minħabba *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali fit-tifsira ta' l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ([1]).

Jekk mill-kontrolli jirriżulta li operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ ma tkunx ġiet implimentata għal raġunijiet għajr *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali fit-tifsira ta' l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u fejn l-appoġġ ikun tħallas wara operazzjonijiet singoli li jkunu parti mill-operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu li jirkupraw l-għajnuna li tkun tħallset.

2. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal appoġġ għal operazzjoni partikulari, jew għall-operazzjonijiet koperti mill-applikazzjoni għal appoġġ, li għandu jingħata bil-quddiem lil produttur, qabel ma tkun implimentata kull operazzjoni, bil-kundizzjoni li tkun bdiet l-implimentazzjoni u l-benefiċjarju jkun iddepożita garanzija. Għal finijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 ([2]), l-obbligu għandu jkun l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet konċernati sa tmiem it-tieni sena ta' l-inbid wara l-ħlas ta' l-avvanz.

Dak il-perjodu jista' jkun aġġustat mill-Istat Membru f'każijiet fejn:

(a) meded konċernati jagħmlu parti minn erja li tkun sofriet minn diżastru naturali rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat;

(b) operazzjonijiet ippjanati ma jkunux jistgħu jiġu implimentati minħabba li l-materjal tal-pjanti jkun ibati minn problemi ta' saħħa li jkunu ċċertifikati minn korp rikonoxxut mill-Istat Membru konċernat.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

▼B

Biex appoġġ jitħallas bil-quddiem, kull operazzjoni preċedenti mwettqa fl-istess żona, li għaliha l-produttur ikun irċieva appoġġ bil-quddiem, ikollha tkun twettqet kollha.

Jekk kontrolli juru li l-miżura koperta mill-applikazzjoni għal għajnuna, u li għaliha jkun sar ħlas bil-quddiem, ma tkunx twettqet kollha, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li japplika penali.

▼M6

_____

▼M1

Artikolu 10a

Il-kompatibbiltà u l-konsistenza

1. L-appoġġ għall-ispejjeż ta' ristrutturar u konverżjoni msemmija fl-Artikolu 11(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ma għandux ikopri nefqiet f'xiri ta' vetturi għal farm.

2. Ebda operazzjoni ma għandha tkun inkluża għal appoġġ skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 taħt programm nazzjonali ta' appoġġ skont it-Titolu II ta' dak ir-Regolament għal Stat Membru jew reġjun speċifiku li huwa inkluż għal appoġġ fil-programm tal-iżvilupp rurali ta' dak l-Istat Membru jew reġjun skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-operazzjonijiet li jinkludu fil-programmi tagħhom ta' appoġġ għall-miżura ta' ristrutturar u konverżjoni fil-parti rilevanti tal-Anness I b'tali dettal illi jippermetti l-verifika li dik l-operazzjoni mhiex inkluża għal appoġġ fil-programmi tagħhom tal-iżvilupp rurali.

▼B

Sezzjoni 3

Ħsad aħdar

Artikolu 11

Definizzjoni ta' ħsad aħdar

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u ta' din is-Sezzjoni, għeneb kummerċjali li jitħalla fil-pjanti fl-aħħar taċ-ċiklu normali tal-produzzjoni (mhux ħsad) m'għandux jitqies bħala ħsad aħdar.

Barra minn dan, l-erja ta' kull roqgħa raba' sostnuta bi ħsad aħdar m'għandhiex tingħadd meta jkunu kkalkulati l-limiti ta' rendiment stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' nbejjed b'indikazzjoni ġeografika.

▼B

Artikolu 12

Kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' ħsad aħdar

1. Dwar il-miżura ta' ħsad aħdar, Stati Membri għandhom:

(a) jadottaw dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-miżura, inklużi:

(i) notifika minn qabel ta' ħsad aħdar;

(ii) l-ammont ta' kumpens x'jitħallas;

(iii) regoli biex ikun żgurat li l-meded konċernati jinżammu f'kundizzjonijiet veġetattivi tajbin u li ebda impatt negattiv fuq l-ambjent, lanqas kull konsegwenza fitosanitarja, ma jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-miżura u biex ikun żgurat li jkun possibbli ssir verifika li l-miżura titwettaq b'mod korrett; fir-rigward ta' dawn l-għanijiet Stati Membri jistgħu japplikaw restrizzjonijiet għall-miżura abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, inklużi ż-żmien meta jitqiegħdu varjetajiet differenti, riskji ambjentali jew fitosanitarji jew il-metodu.

(b) jiffissaw l-iskadenza għal applikazzjonijiet ta' ħsad aħdar bejn il-15 ta' April u l-31 ta' Mejju ta' kull sena;

(ċ) jistabbilixxu sal-31 ta' Mejju sitwazzjoni mistennija tas-suq li tiġġustifika l-applikazzjoni ta' ħsad aħdar biex ikun irkuprat il-bilanċ tas-suq u ma titħalliex ikun hemm kriżi;

(d) jiżguraw li l-miżura titwettaq b'mod korrett billi jikkontrollaw jekk operazzjoni ta' ħsad aħdar issirx b'suċċess; meded li jirċievu appoġġ għal ħsad aħdar għandhom ikunu vverifikati b'mod sistematiku fil-post wara l-eżekuzzjonijiet; il-plotts eżaminati għandhom ikunu dawk li huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal għajnuna.

Il-kontroll imsemmi fil-punt (d) ta' l-ewwel subparagrafu għandu jinkludi:

(i) verifika ta' l-eżistenza tal-vinja konċernata u jekk il-medda partikulari kinitx ikkoltivata sewwa;

(ii) li l-għenieqed kollha jkunu tneħħew jew inqerdu għal kollox;

(iii) liema metodu ntuża; kull bidwi li japplika għal għajnuna għal ħsad aħdar għandu jżomm prova ta' l-ispejjez ta' l-operazzjoni.

Biex ikun żgurat li fir-roqgħa raba' sostnuta ma jkunx fadal għeneb biex ikun kummerċjalizzat, il-kontrolli kollha għandhom isiru bejn il-15 ta' Ġunju u l-31 ta' Lulju ta' kull sena u, f'kull każ, huma għandhom ikunu tlestew saż-żmien normali ta' Veraison (l-istadju Baggiolini M, BBCH stadju 83) f'kull żona partikulari.

2. Il-ħsad aħdar m'għandux ikun applikat fuq l-istess roqgħa għal sentejn konsekuttivi.

3. F'każ ta' ħsara totali jew parzjali lil uċuħ tar-raba' minħabba, b'mod partikulari, diżastru naturali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2(8) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 ([1]), qabel id-data tal-ħsad aħdar, m'għandu jingħata l-ebda appoġġ.

([1]) ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3.

▼B

4. F'każ ta' ħsara totali jew parzjali li sseħħ bejn il-ħlas għall-appoġġ tal-ħsad aħdar u l-perjodu tal-ħsad, jista' ma jingħata l-ebda kumpens finanzjarju għall-assigurazzjoni tal-ħsad għal telf ta' dħul finanzjarju għall-medda diġà megħjuna.

Artikolu 13

Proċedura ta' applikazzjoni

1. Stati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċedura ta' applikazzjoni, li għandha, b'mod partikulari, tipprovdi għall-primjum applikabbli lill-produttur konċernat u għall-informazzjoni meħtieġa li takkumpanja l-applikazzjoni. L-applikazzjoni għandu jkollha dettalji dwar il-medda, ir-rendiment medju, il-metodu li jkun ser jintuża, kif ukoll il-varjetà ta' għeneb u t-tip ta' nbid prodott minnha.

2. Stati Membri għandhom jivverifikaw jekk l-applikazzjonijiet ikunux imsejsa tajjeb. Għal dan il-fini, huma jistgħu jipprospettaw li l-impenn tal-produttur bil-miktub ikun depożitat ma' l-applikazzjoni. F'każ li l-applikazzjoni tkun irtirata mingħajr raġuni ġustifikata kif imiss, huma jistgħu jipprovdu li l-produttur konċernat iħallas l-ispejjeż li jkunu saru biex tkun ittrattata t-talba tiegħu.

Artikolu 14

Kumpens

1. Kull sena Stati Membri għandhom jikkalkulaw l-ispejjeż diretti tal-ħsad aħdar skond il-manwali ta' metodi differenti, mekkaniċi u kimiċi li huma jippermettu fir-rigward ta' l-Artikolu 12(1)(a)(iii). F'każ li jintuża aktar minn metodu wieħed fl-istess żona partikulari, il-kumpens għandu jkun ikkalkulat abbażi ta' l-irħas metodu.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu t-telf ta' dħul finanzjarju ikkawżat mill-ħsad aħdar abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Bla ħsara għall-Artikolu 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 Stati Membri għandhom jiffissaw il-livell ta' appoġġ imsemmi fl-Artikolu 12(3) ta' dak ir-Regolament abbażi ta' spejjeż standard u assunnzjonijiet standard ta' telf ta' dħul finanzjarju. Stati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkulazzjonijiet:

(a) ikollhom elementi biss li jkunu verifikabbli;

(b) ikunu bbażati fuq figuri stabbiliti fuq tagħrif espert adatt;

(ċ) jindikaw b'mod ċar is-sors tal-figuri;

(d) ikunu difrenzjati biex jitqiesu kundizzjoni ta' siti reġjonali jew lokali kif ikun xieraq;

Il-primjum jitħallas għall-medda mħawla, definita skond l-Artikolu 75(1) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Sezzjoni 4

Fondi mutwi

Artikolu 15

Livell ta' l-għajnuna

Il-miżura msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, tista' tkun introdotta mill-Istati Membri fil-programm tagħhom ta' appoġġ skond ir-regoli li ġejjin:

(a) il-perjodu ta' appoġġ m'għandux jaqbeż it-tlett snin;

(b) appoġġ għall-ispiża amministrattiva biex jitwaqqfu fondi mutwi għandu jkun limitat, fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet sena ta' operazzjoni tal-fond reċiproku rispettivament, skond il-proporzjon li ġej tal-kontribuzzjoni tal-produtturi għall-fond reċiproku fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet sena ta' operazzjoni tiegħu:

(i) 10 %, 8 % u 4 % fl-Istati Membri li aċċedew mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara;

(ii) 5 %, 4 % u 2 % fi Stati Membri oħra;

(ċ) Stati Membri jistgħu jiffissaw l-ogħla limiti għall-ammonti ta' l-ispejjeż amministrattivi li jistgħu jkunu riċevuti għat-twaqqif ta' fondi mutwi;

(d) Stati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dik il-miżura.

Sezzjoni 5

Assigurazzjoni tal-ħsad

Artikolu 16

Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà

Il-miżura msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, tista' tkun introdotta mill-Istati Membri fil-programm tagħhom ta' appoġġ skond ir-regoli li ġejjin:

(a) Fir-rigward ta' miżuri ta' assigurazzjoni tal-ħsad, Stati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijet dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri, inklużi dawk meħtieġa biex ikun żgurat li miżuri ta' assigurazzjoni tal-ħsad ma jiddistortjawx il-kompetizzjoni fis-suq ta' l-assigurazzjoni;

(b) Produtturi li japplikaw għall-iskema għandhom jagħmlu l-polza ta' l-assigurazzjoni tagħhom disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali biex jippermettu lill-Istati Membri jkunu konformi mal-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;

(ċ) Stati Membri għandhom jiffissaw l-ogħla limiti għall-ammonti li jistgħu ikunu riċevuti għall-appoġġ biex ikunu rrispettati l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008. Fejn ikun jaqbel, Stati Membri jistgħu jiffissaw il-livell abbażi ta' spejjeż standard u assunzjonijiet standard ta' telf ta' dħul finanzjarju. Stati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkulazzjonijiet:

(i) ikollhom elementi biss li jkunu verifikabbli;

(ii) ikunu bbażati fuq figuri stabbiliti fuq tagħrif espert adatt;

▼B

(iii) jindikaw b'mod ċar is-sors tal-figuri;

(iv) ikunu difrenzjati biex jitqiesu kundizzjoni ta' siti reġjonali jew lokali kif ikun xieraq.

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, "avveniment klimatiku avvers li jista' jixbah diżastru naturali" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

Fejn Stati Membri jagħtu għajnuna nazzjonali għal assigurazzjoni tal-ħsad, huma għandhom jikkomunikawha fil-parti rilevanti ta' l-Annessi I, V u VII ta' dan ir-Regolament.

Sezzjoni 6

Investimenti

Artikolu 17

Mizuri eliġibbli

L-investimenti sostnuti għandhom jirrispettaw l-istandards Komunitarji applikabbli għall-investiment konċernat.

Nfiq eliġibbli għandu jkun:

(a) il-kostruzzjoni, il-ksib, inkluż il-kiri, jew titjib ta' proprjetà immobbli;

(b) ix-xiri jew xiri bin-nifs ta' makkinarju u tagħmir ġdid, inkluż software tal-kompjuter sal-valur fis-suq ta' l-assi; spejjeż oħra b'rabta ma' kuntratt ta' kiri, bħal marġni tal-lokatur, spejjeż ta' iffinanzjar mill-ġdid ta' imgħaxijiet, spejjeż indiretti u ħlasijiet ta' assigurazzjoni, m'għandhomx ikunu spejjeż eliġibbli;

(ċ) spejjeż ġenerali b'rabta ma' nfiq imsemmi fil-punti (a) u (b), bħal ħlasijiet għal arkitetti u inġiniera u ħlasijiet ta' konsulenza, studji ta' fattibbiltà, il-ksib ta' drittijiet ta' privattivi u liċenzji.

B'deroga mill-punt (b), u għal intrapriżi mikro, żgħar u medji biss skond it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([1]), Stati Membri jistgħu, f'każijiet sustanzjati kif imiss, jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li bihom ix-xiri ta' tagħmir użat jista' jitqies bħala nfiq eliġibbli.

Investimenti sempliċi ta' sostituzzjoni m'għandhomx ikunu nfiq eliġibbli biex ikun żgurat li l-għan tal-miżura, jiġifieri t-titjib f'dak li hu aġġustament għad-domanda tas-suq u kompetittività akbar, jintlaħaq b'dawn l-investimenti fil-miżura tal-katina ta' ipproċessar.

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

▼B

Artikolu 18

Miżuri eliġibbli għall-iżvilupp ta' prodotti ġodda

Spejjeż għall-iżvilupp ta' prodotti ġodda, proċessi u teknoloġiji kif imsemmi fl-Artikolu 15(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, għandhom ikunu fir-rigward ta' operazzjoni ta' tħejjija, bħal disinn, prodott, żvilupp ta' proċess jew teknoloġija u testijiet u investimenti tanġibbli u/jew intanġibbli relatati magħhom, qabel l-użu tal-prodotti żviluppati b'mod ġdid, proċessi u teknoloġiji għall-skopijiet kummerċjali.

Investimenti sempliċi ta' sostituzzjoni m'għandhomx jikkostitwixxu nfiq eliġibbli biex ikun żgurat li l-għan tal-miżura, jiġifieri t-titjib f'dak li hu aġġustament għad-domanda tas-suq u kompetittività akbar, jintlaħaq b'dawn l-appoġġi.

▼M2

Artikolu 19

Ġestjoni finanzjarja

1. L-appoġġ għandu jitħallas ġaladarba jkun ġie aċċertat li operazzjoni waħda jew l-operazzjonijiet kollha koperti mill-applikazzjoni għall-appoġġ, skont l-għażla li jkun għamel l-Istat Membru għall-ġestjoni tal-miżura, ikunu ġew implimentati u kkontrollati fuq il-post.

Fejn l-appoġġ normalment ikun jista' jitħallas biss wara l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet kollha, b'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-appoġġ għandu jitħallas għal operazzjonijiet singoli implimentati jekk il-bqija tal-operazzjonijiet ma setgħux jitwettqu minħabba forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([1]).

Jekk mill-verifiki jirriżulta li operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ ma tkunx ġiet implimentata kollha għal raġunijiet għajr forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 31tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, u fejn l-appoġġ ikun tħallas wara operazzjonijiet singoli li jkunu parti mill-operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu li jirkupraw l-għajnuna li tkun tħallset.

2. Il-benefiċjarji ta' appoġġ għal investiment jistgħu jitolbu l-ħlas ta' avvanz mill-aġenzija kompetenti tal-ħlas jekk din l-għażla tkun inkluża fil-programm nazzjonali ta' appoġġ.

L-ammont tal-avvanzi m'għandux jaqbeż l-20 % tal-għajnuna pubblika marbuta mal-investiment, u l-ħlas għandu jkun soġġett għall-istabbiliment ta' garanzija bankarja jew garanzija ekwivalenti, li tikkorrispondi għal 110 % tal-ammont tal-avvanz. Madankollu, fil-każ ta' investimenti li għalihom id-deċiżjoni individwali biex jingħata l-appoġġ tittieħed fl-2009 jew fl-2010, l-ammont tal-avvanzi jista' jitla' sa 50 % tal-għajnuna pubblika marbuta ma' dak l-investiment.

Il-garanzija msemmija għandha tinħeles meta l-aġenzija kompetenti ta' ħlas tistabbilixxi li l-ammont ta' nfiq reali li jkun jikkorrispondi mal-għajnuna pubblika marbuta mal-investiment jaqbeż l-ammont tal-avvanz.

([1]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

▼M1

Artikolu 20

Il-kompatibbiltà u l-konsistenza

1. M'għandu jingħata ebda appoġġ għal operazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni li jkunu rċevew appoġġ skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

Fejn Stati Membri jagħtu għajnuna nazzjonali għal investimenti, huma għandhom jikkomunikawha fil-parti rilevanti tal-formoli li jinsabu fl-Annessi I, V u VII għal dan ir-Regolament.

2. Ebda operazzjoni ma għandha tkun inkluża għal appoġġ skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 taħt programm nazzjonali ta' appoġġ skont it-Titolu II ta' dak ir-Regolament għal Stat Membru jew reġjun speċifiku li huwa inkluż għal appoġġ fil-programm tal-iżvilupp rurali ta' dak l-Istat Membru jew reġjun skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

3. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-operazzjonijiet li jinkludu fil-programmi tagħhom ta' appoġġ għall-miżura ta' investiment fil-parti rilevanti tal-Anness I b'tali dettal illi jippermetti l-verifika li dik l-operazzjoni mhiex inkluża għal appoġġ fil-programmi tagħhom tal-iżvilupp rurali.

▼B

Sezzjoni 7

Disponiment minn prodotti sekondarji

Artikolu 21

Iffissar ta' perċentwali minima ta' alkoħol

1. Bla ħsara għall-punt 1 ta' l-Anness VI.D tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, Stati Membri għandhom jistabbilixxu l-volum ta' alkoħol li għandu jkun hemm fil-prodotti sekondarji fir-rigward ta' dak li jkun hemm fl-inbid prodott. Stati Membri jistgħu jimmodulaw il-perċentwali minima ta' alkoħol abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

2. Jekk il-perċentwali rilevanti ffissata minn Stati Membri fl-applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ma tintlaħaqx, dawk soġġetti għall-obbligu għandhom jikkonsenjaw kwantità ta' nbid mill-produzzjoni tagħhom stess, u b'hekk ikun żgurat li dik il-perċentwali tinlaħaq.

3. Għall-fini li jkun determinat il-volum ta' alkoħol li jkun hemm fil-prodotti sekondarji fir-rigward ta' dak li jkun hemm fl-inbid prodott, il-qawwiet standard alkoħoliċi naturali ta' nbid bil-volum li għandhom ikunu applikati fil-meded differenti tal-vitikoltura għandhom ikunu:

(a) 8,0 % għal żona A;

(b) 8,5 % għal żona B;

(ċ) 9,0 % għal żona C I;

(d) 9,5 % għal żona C II;

(e) 10,0 % għal żona C III.

▼B

Artikolu 22

Rimi ta' prodotti sekondarji

Produtturi għandu jkun jeħtiġilhom jirtiraw il-prodotti sekondarji tal-produzzjoni ta' l-inbid, jew kull ipproċessar ieħor ta' għeneb, taħt sorveljanza soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodotti sekondarji għandhom ikunu rtirati mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn tmiem is-sena ta' l-inbid li fiha jkunu nkisbu. Stati Membri jistgħu jiffissaw skadenza aktar bikrija. l-irtirar, b'indikazzjoni ta' l-istima tal-kwantitajiet, għandu jiddaħħal jew fir-reġistri miżmumin skond l-Artikolu 112(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, jew ikun iċċertifikat mill-awtorità kompetenti;

(b) l-irtirar għandu jirrispetta l-liġijiet Komunitarji applikabbli, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-ambjent.

L-irtirar tas-sediment ta' l-inbid in kwistjoni għandu jitqies li jkun sar malli s-sediment ikun żnaturat biex l-użu tiegħu fil-produzzjoni ta' l-inbid ikun impossibbli u fejn il-konsenja tas-sediment żnaturat lil terzi tkun iddaħħlet fir-reġistri miżmumin skond l-Artikolu 112(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li operazzjonijiet bħal dawn ikunu eżaminati. Huma jistgħu jkollhom sistema ta' rikonoxximent minn qabel tat-terzi konċernati.

Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-produtturi li, matul is-sens ta' l-inbid ikkonċernata, ma jipproduċux huma stess u fis-sede tagħhom aktar minn 25 ettolitru ta' nbid jew most mhumiex obbligati jirtiraw il-prodotti sekondarji tagħhom.

Artikolu 23

Disponiment b'distillazzjoni ta' prodotti sekondarji

1. Produtturi jistgħu jissodisfaw l-obbligu li jarmu parti jew il-prodotti kollha sekondarji tal-produzzjoni ta' l-inbid jew ipproċessar ieħor ta' għeneb, billi jikkonsenjaw il-prodotti sekondarji għad-distillazzjoni.

2. Stati Membri jistgħu jesiġu li l-konsenja għad-distllazzjoni ta' parti jew tal-prodotti sekondarji kollha tal-produzzjoni ta' l-inbid jew ta' kull ipproċessar ieħor ta' għeneb tkun obbligatorja għal parti jew għall-produtturi tagħhom kollha, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Dan l-obbligu jista' jitwettaq ukoll bil-konsenja ta' nbid lill-industrija tal-ħall.

3. L-Istati Membri rilevanti jistgħu jintroduċu sistema ta' ċertifikazzjoni ta' distillaturi skond proċedura li huma jistabbilixxu.

▼B

Artikolu 24

Skop ta' l-għajnuna

1. L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandha titħallas, soġġetta għall-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 3 u fil-limitu tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' l-istess Artikolu, lill-distillaturi li jipproċessaw il-prodotti kkonsenjati għal distillazzjoni ta' alkoħol mhux raffinat b'qawwa alkoħolika ta' talanqas 92 % vol.

2. ►C1 L-għajnuna rilevanti għandha tinkludi ammont wieħed f'daqqa bħala kumpens għall-ispejjeż tal-ġarr ta' dawn il-prodotti li għandu jiġi ttrasferit mingħand id-distillatur għall-produttur, jekk l-ispejjeż rilevanti jitħallsu minn dan tal-aħħar. ◄

3. Stati Membri jistgħu jipprovdu biex appoġġ jingħata bil-quddiem, bil-kundizzjoni li l-benefiċjarju ikun iddepożita garanzija.

4. Stati Membri għandhom jadottaw regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-miżura msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 25

Ammont ta' għajnuna

1. L-ammont massimu ta' l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 li jkollu jitħallas lil distillaturi huwa stabbilit b'% ta' volum ta' alkoħol u ta' ettolitru bil-mod li ġej:

(a) għal alkoħol mhux raffinat miksub minn qxur u fdal ieħor ta' l-għeneb: EUR 1,1/%vol./hl;

(b) għal alkoħol mhux raffinat miksub mill-inbid u mis-sediment tiegħu: EUR 0,5/%vol./hl.

2. Stati Membri għandhom jiffissaw, fil-limiti msemmija fil-paragrafu 1 abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, l-ammont ta' għajnuna u tal-kumpens f'somma waħda f'daqqa għall-ispejjeż tal-ġbir kif imsemmi fl-Artikolu 24(2), u jikkomunikawh lill-Kummissjoni fil-parti rilevanti tal-formoli ta' l-Annessi I, V u VII. Dawn l-ammonti jistgħu jkunu aġġustati skond tipoloġiji differenti ta' produzzjoni, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

▼M1

Artikolu 25a

Il-verifika tal-kundizzjonijiet

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet u li l-limitu msemmi fl-Artikolu 24(1) ta' dan ir-Regolament flimkien mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ġew imħarsa. L-Istati Membri jistgħu jivverikaw il-ħarsien ta' dan il-limitu fil-livell ta' kull produttur jew fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri li jagħżlu l-verifika fil-livell nazzjonali ma għandhomx jinkludu fil-bilanċ tal-alkoħol il-kwantitajiet li mhumiex intenzjonati għal distillazzjoni (it-tneħħija taħt sorveljanza) u lanqas dawk li huma intenzjonati għall-iżvilupp ta' prodotti ħlief l-alkoħol għal użu industrijali.

▼M6

———————

▼B

KAPITOLU III

Rapportar, evalwazzjoni u dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 35

Rapportar u evalwazzjoni

1. Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandu jkun ippreżentat minn Stati Membri lill-Kummissjoni fil-formola indikata fl-Anness V u fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament. L-informazzjoni li hemm fit-tabelli rilevanti għandha tirreferi għal kull sena fir-rigward tal-miżuri tal-programm ta' appoġġ:

(a) dikjarazzjoni ta' nfiq skond is-sena finanzjarja diġà magħmul fil-perjodu ta' programmar li fl-ebda każ m'għandu jaqbeż il-limitu ta' l-ammont finanzjarju totali allokat lill-Istat Membru skond l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 479/2008;

(b) previżjonijiet ta' appoġġ għal snin finanzjarji ta' wara sa tmiem il-perjodu prospettat ta' implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ, sal-limitu ta' l-ammont finanzjarju totali allokat lill-Istat Membru skond l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u b'koerenza mas-sottomissjoni l-aktar aġġornata mibgħuta bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

2. Fl-istess komunikazzjoni, dejta teknika relatata ma' l-implimentazzjoni tal-miżuri fil-programm ta' appoġġ, għandha tkun ippreżentata mill-Istati Membri fil-formola indikata fl-Anness VII. Id-dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta' promozzjoni għandhom ikunu ppreżentati mill-Istati Membri fil-formola indikata fl-Anness VIII.

3. Referenzi għal sena finanzjarja partikulari għandhom jirreferu għal ħlasijiet attwalment magħmula minn Stati Membri bejn is-16 ta' Ottubru u l-15 ta' Ottubru sussegwenti.

4. Ir-rapportar imsemmi fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandu jkun ippreżentat mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fl-istess formola indikata fl-Anness V u fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament. Barra minn dan, il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-konklużjonijiet:

— C1: Evalwazzjoni ta' l-ispejjeż u tal-benefiċċju tal-programm ta' appoġġ;

— C2: Modi biex tiżdied l-effiċjenza tal-programm ta' appoġġ.

5. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjsoni l-miżuri meħudin biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikoli 9(1) u 12(1)(d). Il-komunikazzjoni għandha ssir fil-formola stipulata fl-Annessi VIIIa and IIIb.

▼M6

6. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jittrasferixxu, għall-2014 u mill-2015 'il quddiem, l-ammont kollu tal-kwadru finanzjarju nazzjonali tagħhom għall-programmi ta' appoġġ biex jiżdiedu l-livelli massimi għall-pagamenti diretti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, m'għandhomx jintalbu jissottomettu l-formuli stipulati fl-Annessi V sa VIIIc ta' dan ir-Regolament.

▼B

7. Stati Membri għandhom jirreġistraw id-dettalji tal-programmi kollha ta' appoġġ, kemm jekk emendati kif ukoll jekk le, u tal-miżuri kollha mwettqa skond il-programmi.

Artikolu 36

Esklużjoni

L-ebda appoġġ finanzjarju mill-programmi nazzjonali ta' appoġġ ma jista' jingħata lil produtturi konċernati b'meded illegali kif imsemmi fl-Artikoli 85 u 86 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u għal mixtliet ta' tilqim kif imsemmi fl-Artikolu 60(3) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 37

Dewmien għall-ħlas lil benefiċjarji

Għal kull miżura għajr l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, l-Istati Membri għandhom:

(a) jistabbilixxu l-iskadenza għall-applikazzjonijiet;

(b) wara d-data tat-tressiq ta' applikazzjoni sħiħa u valida, iħallsu lill-benefiċjarju fi żmien:

(i) seba' xhur għal iżuri li jistgħu jkunu kompletati u kkontrollati f'sena waħda;

(ii) żmien raġonevoli li għandu jiddefinixxih l-Istat Membru u li għandu jkun komunikat lill-Kummissjoni fil-partijiet rilevanti ta' l-Anness I għal miżuri li ma jistgħux ikunu kompletati u kkontrollati f'sena waħda.

▼M2

Artikolu 37a

Notifikar dwar l-għajnuna mill-istat

1. Minkejja l-Artikolu 5(8), it-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, fejn l-Istati Membri jagħtu għajnuna mill-istat skont l-Artikolu 103n(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([1]), għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-tagħrif li ġej:

(a) fejn applikabbli, il-lista tal-miżuri ta' għajnuna diġà awtorizzati skont l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat maħsuba għall-implimentazzjoni tal-programmi, jew ir-raġuni għaliex l-għajnuna nazzjonali kkonċernata tkun ġiet eżentata mill-obbligi ta' notifikar;

(b) f'każijiet oħra, l-elementi meħtieġa għall-evalwazzjoni skont ir-regoli tal-kompetizzjoni.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

▼M2

2. Jekk japplika l-paragrafu (1)(a), l-Istati Membri għandhom jimlew it-Tabella 1 tal-Anness VIIIc:

(a) b'indikazzjoni jekk l-appoġġ ikunx se jingħata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007 ([1]) għall-appoġġ *de minimis* għall-produzzjoni primarja fis-settur agrikolu, jew skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 ([2]) għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli;

(b) bin-numru tar-reġistrazzjoni u r-referenza għar-Regolament ta' eżenzjoni tal-Kummissjoni adottat abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 ([3]) li skontu ddaħħlet il-miżura; jew

(c) bin-numru tal-każ u n-numru tar-referenza li bihom il-miżura ġiet iddikjarata kompatibbli mat-Trattat mill-Kummissjoni.

3. Jekk japplika l-paragrafu (1)(b), l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

(a) it-Tabella 2 tal-Anness VIIIc għal kull waħda mill-miżuri, imsemmija fl-Artikoli 103p, 103t u 103u tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li għalihom ingħatat għajnuna nazzjonali;

(b) it-Tabella 3 tal-Anness VIIIc fil-każ ta' għajnuna nazzjonali mogħtija għall-miżura ta' promozzjoni fi swieq ta' pajjiżi terzi, imsemmija fl-Artikolu 103p tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(c) it-Tabella 4 tal-Anness VIIIc fil-każ ta' għajnuna nazzjonali mogħtija għall-miżura ta' assigurazzjoni tal-ħsad, imsemmija fl-Artikolu 103t tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(d) it-Tabella 5 tal-Anness VIIIc fil-każ ta' għajnuna nazzjonali mogħtija għall-miżura ta' investiment, imsemmija fl-Artikolu 103u tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

4. L-elementi kkomunikati permezz ta' kwalunkwe waħda mit-tabelli tal-Anness VIIIc għandhom ikunu validi matul id-dewmien kollu tal-programm, mingħajr ħsara għal xi bidliet li jistgħu jsiru fil-programmi.

5. Minkejja l-Artikolu 103n(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri li jagħtu għajnuna nazzjonali għandhom jimmodifikaw il-programm ta' appoġġ għall-ġejjieni, billi jimlew it-tabelli relevanti tal-Anness VIIIb sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2009. L-Artikolu 103k(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 japplika għal dawn il-modifiki.

([1]) ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35.
([2]) ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5.
([3]) ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.

▼B

TITOLU III

KUMMERĊ MA' PAJJIŻI TERZI

KAPITOLU I

Arranġamenti dwar prezzijiet tal-bidu Għall-Meraq ta' L-għeneb u l-most

Artikolu 38

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, "Konsenja" tfisser il-kwantità ta' prodott ikkonsenjat minn mittent wieħed lil konsenjatarju wieħed, ippreżentata b'dikjarazzjoni doganali waħda għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera. Kull dikjarazzjoni tista' tkopri biss merkanzija ta' l-istess oriġini, kif definit fl-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([1]), li taqa' taħt kodiċi waħda tan-Nomenklatura Magħquda.

Artikolu 39

Verifika skond il-konsenja

1. Għal prodotti li jaqgħu fil-kodiċijiet tan-NM 2009 61, 2009 69 u 2204 30 elenkati fl-Anness I, Taqsima Tlieta, Sezzjoni I, Anness 2 tat-Tariffa Doganali Komuni u bla ħsara għall-arranġament tal-prezz tal-bidu, il-valur doganali attwali għandu jkun ivverifikat b'eżami ta' kull konsenja.

2. Il-prezz tal-bidu fl-Anness 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]) għall-prodotti indikati fil-paragrafu 1 għandu jkun determinat abbażi tal-valur doganali.

KAPITOLU II

Ċertifikati u rapporti ta' analiżi għall-inbid, meraq u most ta' l-għeneb importati

Sezzjoni 1

Ġenerali

Artikolu 40

Dokumenti meħtieġa

Iċ-ċertifikat u r-rapport ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 82(3)(a) u (b), rispettivament, tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom jiffurmaw dokument wieħed:

(a) li l-parti taċ-"ċertifikat" tiegħu għandha ssir minn korp tal-pajjiż terz li minnu jiġu l-prodotti;

(b) li l-parti ta' l-"analiżi" tiegħu għandha ssir minn laboratorju uffiċjali rikonoxxut mill-pajjiż terz li minnu jiġu l-prodotti.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 275/2008 (ĠU L 85, 27.3.2008, p. 3).

▼B

Artikolu 41

Kontenut tar-rapport ta' analiżi

Ir-rapport ta' analiżi għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) fil-każ ta' nbejjed u most ta' l-għeneb qed jiffermenta:

(i) il-qawwa alkoħolika totali skond il-volum;

(ii) il-qawwa alkoħolika attwali skond il-volum;

(b) fil-każ ta' most ta' l-għeneb u meraq ta' l-għeneb, id-densità;

(ċ) fil-każ ta' nbejjed, most ta' l-għeneb u meraq ta' l-għeneb:

(i) l-estratt totali niexef;

(ii) l-aċidità totali;

(iii) il-kontenut ta' aċidu volatili;

(iv) il-kontenut ta' aċidu ċitriku;

(v) il-kontenut totali ta' diossidu tal-kubrit .

▼M1

_____

▼B

Artikolu 42

Eżenzjonijiet

1. L-ebda ċertifikat jew rapport ta' analiżi ma jeħtieġlu jkun ippreżentat għal prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi u jkunu esportati minnhom f'kontenituri ta' mhux aktar minn ħames litri mmarkati b'tiketta u li jkollhom mezz ta' għeluq li ma jerġax jintuża fejn il-kwantità totali trasportata, kemm jekk tkun magħmula minn konsenji separati u kemm jekk le, ma tkunx taqbeż il-100 litru.

2. Fejn prodotti ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ebda ċertifikat jew rapport ta' analiżi ma jeħtieġlu jkun ippreżentat għal:

(a) nbid, most ta' l-għeneb u meraq ta' l-għeneb li jkun hemm fil-bagalji personali ta' vjaġġaturi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 ([1]) sa massimu ta' 30 litru għal kull vjaġġatur;

(b) nbid mibgħut f'konsenji minn individwu privat għal għand ieħor, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 29 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 sa massimu ta' 30 litru għal kull konsenja;

(ċ) nbid u meraq ta' l-għeneb li jifforma parti mill-proprjetà personali ta' individwi privati li jittrasferixxu l-post tar-residenza normali tagħhom minn pajjiż terz għall-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83;

([1]) ĠU L 105, 23.4.1983, p. 1.

▼B

(d) nbid u meraq ta' l-għeneb għal fieri kummerċjali kif definiti fl-Artikolu 95 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83, bil-kundizzjoni li l-prodotti msemmija jitqiegħdu f'konteniturі ta' mhux aktar minn żewġ litri mmarkati b'tikketta u mwaħħlin b'mezz ta' għeluq li ma jerġax jintuża;

(e) kwantitajiet ta' nbid, most ta' l-għeneb u meraq ta' l-għeneb f'konteniturі oħra, importati għal esperimenti xjentifiċi u tekniċi sa massimu ta' 100 litru;

(f) nbejjed u meraq ta' l-għeneb importati skond id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar relazzjonijiet diplomatiċi tat-18 ta' April 1961, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar relazzjonijiet konsulari ta' l-24 ta' April 1963 jew konvenzjonijiet oħra konsulari, jew il-Konvenzjoni ta' New York tas-16 ta' Diċembru 1969 dwar missjonijiet speċjali;

(g) nbejjed u meraq ta' l-għeneb miżmumin f'imħażen abbord bastimenti u inġenji ta' l-ajru li joperaw fuq trasport internazzjonali;

(h) nbejjed u meraq ta' l-għeneb li joriġina u jkun ibbottiljat fil-Komunità Ewropea, esportati lil pajjiż terz u mibgħuta lura fit-territorju doganali tal-Komunità u rrilaxxjati għal ċirkolazzjoni libera.

Sezzjoni 2

Rekwiżiti li għandhom jitħarsu u regoli dettaljati għal tfassil u użu taċ-ċertifikat u r-rapport ta' analiżi għall-importazzjoni ta' nbid, meraq ta' l-għeneb u most ta' l-għeneb

Artikolu 43

Dokument V I 1

1. Iċ-ċertifikat u r-rapport ta' analiżi għal kull konsenja maħsuba għall-importazzjoni fil-Komunità għandhom isiru f'dokument V I 1 wieħed.

Id-dokument imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jsir fuq formola V I 1 li tkun taqbel mal-kampjun muri fl-Anness IX. Huwa għandu jkun iffirmat minn uffiċjal ta' korp uffiċjali u minn uffiċjal ta' laboratorju rikonoxxut kif imsemmi fl-Artikolu 48.

2. Fejn il-prodott konċernat ma jkunx maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem, is-sezzjoni tar-rapport ta' analiżi tal-formola V I 1 tista' ma timtelix.

▼M6

Fil-każ ta' inbid li jitpoġġa f'konteniturі ttikkettjati li ma jesgħux iktar minn 60 litru, mgħammra b'tagħmir li jagħlaq u li ma jistax jerġa' jintuża, u sakemm l-inbid joriġina minn pajjiż li jidher fl-Anness XII, parti A, li offra garanziji speċjali aċċettati mill-Komunità, is-sezzjoni tar-rapport ta' analiżi tal-formula V I 1 għandha timtela biss għal dak li jirrigwardja:

▼B

(a) il-qawwa alkoħolika attwali skond il-volum,

(b) l-aċidità totali,

(ċ) il-kontenut totali tad-diossidu tal-kubrit.

▼B

Artikolu 44

Deskrizzjoni tad-dokumenti

1. Formoli V I 1 għandhom jinkludu oriġinal ittajpjat jew miktub bl-id u kopja prodotta fl-istess waqt, f'dik l-ordni.

2. Il-formola V I 2 għandha tkun estratt magħmul skond il-kampjun muri fl-Anness X, u jkollha d-dejta li tidher f'dokument V I 1 jew estratt ieħor u bit-timbru ta' uffiċju doganali Komunitarju. Formoli V I 2 għandhom jinkludu oriġinal u żewġ kopji, f'dik l-ordni.

3. Dokumenti V I 1 u estratti V I 2 għandhom ikunu konformi mar-regoli tekniċi indikati fl-Anness XI.

4. Kemm l-oriġinal u l-kopja għandhom jakkumpanjaw lil prodott. Formoli V I 1 u V I 2 għandhom jitlestew jew ikunu ittajpjati jew miktubin bl-id, jew b'mezz tekniku ekwivalenti rikonoxxut minn korp uffiċjali. Formoli miktubin bl-id għandhom jitlestew bil-linka u b'ittri kbar. M'għandux jitħalla jsir tħassir jew kliem miktub fuq ieħor. Kull alterazzjoni għandha ssir bil-qtugħ b'forma ta' salib tal-partikulari ħżiena u, fejn jixraq, b'żieda ta' dawk meħtieġa. Kull tibdil b'dan il-mod għandu jkun approvat mill-awtur tiegħu u ttimbrat, skond il-każ, mill-aġenzija uffiċjali, mil-laboratorju jew mill-awtoritajiet doganali.

5. Dokumenti V I 1 u estratti V I 2 għandu jkollhom numru tas-serje allokat, fil-każ ta' dokumenti V I 1, mill-aġenzija uffiċjali li l-uffiċjal tagħha jiffirma ċ-ċertifikat u, fil-każ ta' estratti V I 2, mill-uffiċċju doganali li jittimbrahom skond l-Artikolu 47(2) u (3).

6. Bla ħsara għall-paragrafi 2, 3, 4 u 5, V I 1 u V I 2 jistgħu jinħarġu u jkunu wżati permezz ta' sistemi kompjuterizzati skond regoli dettaljati stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Il-kontenut ta' V I 1 u V I 2 elettroniċi għandu jkun identiku għal dak fuq il-karta.

Artikolu 45

Proċedura simplifikata

▼M6

1. Id-dokumenti V I 1 magħmulin minn produtturi tal-inbid fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness XII, Parti B, li offrew garanziji speċjali u aċċettati mill-Komunità għandhom jitqiesu bħala ċertifikati jew rapporti ta' analiżi magħmulin minn aġenziji u laboratorji inklużi fil-lista pprovduta fl-Artikolu 48 sakemm il-produtturi jkunu rċevew approvazzjoni individwali mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-pajjiżi terzi u jkunu soġġetti għal spezzjoni minn dawn tal-aħħar.

▼B

2. Produtturi approvati kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jużaw formoli V I 1 waqt li jagħtu fil-kaxxa 9 l-isem u l-indirizz ta' l-aġenzija uffiċjali tal-pajjiż terz li approvahom. Produtturi għandhom ilestu l-formola, u jdaħħlu wkoll:

▼M6

(a) fil-kaxxa 1, isimhom u l-indirizzi tagħhom u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness XII, Parti B;

▼B

(b) fil-kaxxa 10, talanqas il-partikularitajiet imsemmija fl-Artikolu 43(2).

Il-produtturi għandhom jiffirmaw fl-ispazju pprovdut fil-kaxex 9 u 10, wara li jaqtgħu il-kliem "l-isem u t-titolu ta' l-uffiċjal".

La t-timbri u lanqas l-isem u l-indirizz tal-laboratorju ma jkunu meħtieġa.

Artikolu 46

Derogi

L-applikazzjoni ta' l-Artikoli 43(2) u 45 ta' dan ir-Regolament jistgħu jkunu sospiżi jekk jinstab li l-prodotti li għalihom japplikaw dawn il-miżuri kienu s-suġġett ta' falsifikazzjoni li aktarx tirriżulta f'riskju għas-saħħa lil konsumaturi jew ta' użijiet ta' prattika enologika barra dawk imsemmija fl-Artikolu 82(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

Artikolu 47

Użu

1. L-oriġinal u l-kopja tad-dokumenti V I 1 jew ta' l-estratti V I 2 għandhom jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn isiru l-formalitajiet doganali meħtieġa biex il-konsenja li għaliha jirrelataw titqiegħed f'ċirkolazzjoni libera, wara li jkunu tlestew dawk il-formalitajiet.

L-awtoritajiet għandhom, fejn ikun meħtieġ, jiffirmaw fuq wara tad-dokument V I 1 jew ta' l-estratt V I 2. Huma għandhom jibagħtu lura l-oriġinal lill-persuna konċernata u jżommu l-kopja għal talanqas ħames snin.

2. Fejn konsenja jkollha terġa tiġi kkonsenjata fl-intier tagħha qabel ma tidħol f'ċirkolazzjoni libera, il-mittent il-ġdid għandu jagħti lill-awtoritajiet doganali li jkunu qed jagħmlu superviżjoni fuq il-konsenja d-dokument V I 1 jew l-estratt V I 2 li jkun jirrelata ma' dik il-konsenja, kif ukoll, jekk ikun il-każ, il-formola V I 2 mimlija konsekuttivament.

L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw li l-partikularitajiet imdaħħla fis-dokument V I 1 ikunu jaqblu ma' dawk imdaħħla fil-formola V I 2 jew li l-partikularitajiet imdaħħla fl-estratt V I 2 jkunu jaqblu ma' dawk imdaħħla fil-formola V I 2 kompluta konsekuttivament, u għandhom imbagħad jittimbraw din ta' l-aħħar, li għandha mbagħad tkun ekwivalenti għall-estratt V I 2, u jiffirmaw id-dokument jew l-estratt ta' qabel bl-istess mod. Huma għandhom jibagħtu lura l-estratt u l-oriġinal tad-dokument V I 1 jew l-estratt V I 2 ta' qabel lill-mittent il-ġdid u jżommu l-kopja tad-dokument jew l-estratt ta' qabel għal talanqas ħames snin.

▼B

Iżda formola V I 2 tista' ma titlestix fejn konsenja ta' prodott tkun esportata mill-ġdid lil pajjiz ieħor.

3. Fejn konsenja tinqasam qabel ma tidħol f'ċirkolazzjoni libera, il-persuna konċernata għandha tagħti l-oriġinal u l-kopja tad-dokument V I 1 jew l-estratt V I 2 relatati mal-konsenja li jkollha tinqasam lill-awtoritajiet doganali li jkunu qed jagħmlu superviżjoni fuq dik il-konsenja, flimkien mal-formola V I 2 u żewġ kopji kompluti konsekuttivament għal kull konsenja ġdida.

L-awtoritajiet għandhom jivverifikaw li l-partikularitajiet imdaħħla fid-dokument V I 1 jew fl-estratt V I 2 ikunu jaqblu ma' dawk fil-formola V I 2 kompluta konsekuttivament għal kull konsenja, u għandom imbagħad jittimbraw din ta' l-aħħar, li għandha mbagħad tkun ekwivalenti għall-estratt V I 2, u jiffirmaw bl-istess mod fuq in-naħa ta' wara tad-dokument V I 1 jew l-estratt V I 2 li fuqu jkun ibbażat. Huma għandhom jibagħtu lura l-estratt V I 2 flimkien mad-dokument V I 1 jew l-estratt V I 2 komplut qabel lill-persuna konċernata u jżommu kopja ta' kull wieħed minn dawn id-dokumenti għal talanqas ħames snin.

Artikolu 48

Lista ta' korpi kompetenti

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel u taġġorna listi li jkollhom l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-aġenziji u l-laboratorji, u tal-produtturi ta' l-inbid awtorizzati jfasslu d-dokument V I 1, abbażi ta' notifiki mingħand l-awtoritajiet kompetenti lil pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq l-internet l-ismijiet u l-indirizzi ta' dawn l-aġenziji u l-laboratorji.

2. In-notifiki mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-aġenziji uffiċjali u tal-laboratorji approvati jew maħturin biex ifasslu d-dokumenti V I 1;

(b) l-ismijiet, l-indirizzi u n-numri tar-reġistrazzjoni tal-produtturi ta' l-inbid awtorizzati jfasslu d-dokumenti V I 1.

Il-listi msemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkollhom biss aġenziji u laboratorji kif imsemmi fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu li kienu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz konċernat li jagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, malli jitolbuha, kull informazzjoni meħtieġa biex tkun evalwata d-dejta li tidher fid-dokument.

3. Il-listi għandhom ikunu aġġornati, b'mod partikulari biex jitqies it-tibdil f'indirizzi u/jew f'ismijiet ta' aġenziji jew laboratorji.

▼B

Artikolu 49

Importazzjoni indiretta

F'każijiet fejn inbid ikun esportat minn pajjiż terz li fit-territorju tiegħu jkun ġie prodott (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-pajjiż ta' oriġini") għal pajjiż ieħor (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-pajjiż esportatur"), li minnu mbagħad ikun esportat lejn il-Komunità, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż esportatur jistgħu jlestu d-dokument V I 1 għall-inbid konċernat abbażi ta' dokument V I 1 jew ekwivalenti magħmul mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini, mingħajr ma jkun jeħtiġilhom jagħmlu aktar analiżi fuq l-inbid, jekk dak l-inbid:

(a) kien diġà bbottiljat u mogħti tikketta fil-pajjiż ta' oriġini u jibqa' hekk; jew

(b) ikun esportat bil-kwantità mill-pajjiż ta' oriġini u bbottiljat u mogħti tikketta fil-pajjiż esportatur mingħajr aktar ipproċessar.

L-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur għandha tiċċertifika fuq id-dokument V I 1 li l-inbid in kwistjoni jkun inbid li għalih jirreferi l-ewwel paragrafu u li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmijin hemmhekk.

Il-kopja oriġinali jew ċertifikata tad-dokument V I 1 jew ekwivalenti tal-pajjiż ta' oriġini għandha tinhemeż mad-dokument V I 1 tal-pajjiż esportatur.

L-uniċi pajjiżi ta' oriġini għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu dawk li jidhru fil-lista, ippubblikata skond l-Artikolu 48(1), ta' aġenziji u laboratorji li jinħatru minn pajjiżi terzi biex ilestu d-dokumenti li għandhom jakkumpanjaw kull konsenja ta' nbid importat.

Artikolu 50

Regoli speċjali għal inbejjed partikulari

1. Fil-każ ta' nbejjed likurużi u nbejjed imsaħħin għad-distillazzjoni, id-dokumenti V I 1 għandhom ikunu rikonoxxuti bħala validi biss fejn l-aġenzija uffiċjali kif imsemmi fl-Artikolu 48 tkun daħħlet dan li ġej fil-kaxxa 14:

"l-alkoħol miżjud ma' dan l-inbid huwa ċċertifikat bħala alkoħol ta' l-inbid".

L-annotazzjoni għandha tkun akkumpanjata bl-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz sħaħ ta' l-aġenzija tal-ħruġ;

(b) il-firma ta' uffiċjal ta' l-aġenzija;

(ċ) it-timbru ta' l-aġenzija.

2. Id-dokument V I 1jista' jintuża bħala li jiċċertifika li nbid importat ikollu indikazzjoni ġeografika b'konformità jew mal-ftehim dwar Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), jew mal-leġislazzjoni Komunitarja dwar indikazzjonijiet ġeografiċi jew ma' ftehim dwar l-għarfien u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiż terz li minnu joriġina l-inbid.

▼B

F'każ bħal dan, il-kaxxa 14 għandha tindika dan li ġej:

"l-inbid kopert b'dan id-dokument huwa ċċertifikat bħala li kien prodott fir-reġjun ta' vitikoltura… u ngħata l-indikazzjoni ġeografika murija fil-kaxxa 6 skond id-dispożizzjonijiet tal-pajjiż ta' oriġini".

In-notazzjoni għandha tkun akkumpanjata bl-informazzjoni mogħtija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

Artikolu 51

Konformità ta' nbejjed importati

Fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkollhom suspett li prodott li joriġina minn pajjiż terz ma jkunx konformi ma' l-Artikolu 82(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien.

KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-esportazzjoni

Artikolu 52

Notifika lil korpi uffiċjali

1. Stati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-listi ta' korpi uffiċjali jew korpi rikonoxxuti uffiċjalment li huma jipproponu li għandhom joħorġu ċertifikazzjonijiet bħala prova li l-inbid in kwistjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet għal aċċess għall-konċessjonijiet mogħtija fil-ftehimiet ma' pajjiżi terzi.

2. Il-Kummissjoni għandha taġixxi f'isem il-Komunità biex tfassal u tiskambja, b'mod konġunt mal-pajjiż terz konċernat, il-lista ta' korpi uffiċjali awtorizzati li jifformulaw iċ-ċertifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u ċ-ċertifikat ekwivalenti maħruġ mill-pajjiż terz konċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblika l-lista msemmija fil-paragrafu 2 u taġġornaha kull tant żmien.

KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Artikolu 53

Konformità ta' V I 1 u V I 2

Dokumenti V I 1 u V I 2 li kienu f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli meta tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni iżda li ma jkunux għadhom aktar konformi ma' dawk id-dispożizzjonijiet mid-data ta' applikazzjzoni ta' dan ir-Regolament jistgħu jissoktaw jintużaw sal-31 ta' Diċembru 2008.

Artikolu 54

Liberazzjoni tal-garanzija

Fuq talba tal-partijiet interessati, il-garanziji depożitati għall-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni, għandhom ikunu lliberati mill-1 ta' Awwissu 2008, jekk il-validità tal-liċenzji ma tkunx skadiet qabel dik id-data.

▼B

TITOLU IV

POTENZJAL TAL-PRODUZZJONI

KAPITOLU I

Taħwil illegali

Artikolu 55

Pieni f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu ta' taħmil

1. Il-pieni msemmija fl-Artikolu 85(3) u l-Artikolu 86(4) it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom ikunu determinati biex ikun hemm sanzjoni xierqa għal dawk li jiksru d-dispożizzjonijiet konċernati.

Mingħajr preġudizzju, fejn ikun japplika, għal pieni preċedenti imposti minn Stati Membri, Stati Membri għandhom jiddeterminaw il-pieni msemmijin fl-Artikolu 85(3) u l-Artikolu 86(4), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 abbażi tal-prinċipji li ġejjin:

(a) piena finanzjarja bażika li għandha tkun imposta għandha tkun mhux anqas minn EUR 12 000 għal kull ettaru.

(b) Stati Membri jistgħu jżidu l-penali abbażi tal-valur kummerċjali ta' l-inbejjed prodotti fil-vinji konċernati.

2. L-Istati Membri għandhom jimponu l-penali msemmija fl-Artikolu 85(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008:

(a) għal taħwil illegali li jkun jeżisti fil-waqt tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2009;

(b) għal taħwil illegali wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-ewwel darba b'effett md-data ta' dak it-taħwil.

Il-penali għandha terġa' tingħabar kull 12-il xahar, magħduda minn dawk id-dati u skond il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sakemm ikun hemm konformità ma' l-obbligu ta' taħmil.

3. Il-penali msemmija fl-Artikolu 86(4) it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandha titħallas għall-ewwel darba fl-1 ta' Lulju 2010 għal nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu rispettiv ta' taħmil u wara dan kull 12-il xahar sakemm ikun hemm konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Penalitajiet miġbura skond it-tifsira ta' dan l-Artikolu għandhom jinżammu mill-Istat Membru konċernat.

Artikolu 56

Pieni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-projbizzjoni ta' ċirkolazzjoni

1. Il-penalitajiet imsemmija fl-Artikolu 87(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom ikunu determinati bħala li jfissru sanzjoni xierqa għal dawk li jiksru d-dispożizzjonijiet konċernati.

▼B

2. Il-penalitajiet msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu imposti jekk produttur konċernat, li jkollu aktar minn 0.1 ettaru ta' erja ta' vinji:

(a) ma jissottomettix il-kuntratt ta' distillazzjoni sa l-iskadenza speċifikata fl-Artikolu 57(1) it-tieni paragrafu jew li dawn il-kuntratti ma jkunux ikopru l-produzzjoni kollha konċernata, kif ikun ingħad fid-dikjarazzjoni ta' ħsad jew produzzjoni jew; jew

(b) ma jgħarrafx lill-awtorità kompetenti dwar il-ħsad aħdar ippjanat sa l-iskadenza speċifikata fl-Artikolu 57(1) it-tielet subparagrafu jew ma jwettaqx il-ħsad aħdar b'mod sodisfaċenti;

3. L-Istati Membri għandhom jimponu l-penalitajiet imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) f'każ li ma jiġix sottomess il-kuntratt ta' distillazzjoni, xahar wieħed wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(1);

(b) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-ħsad aħdar, fl-1 ta' Settembru tas-sena kalendarja konċernata.

4. Penalitajiet miġbura skond it-tifsira ta' dan l-Artikolu għandhom jinżammu mill-Istat Membru konċernat.

Artikolu 57

Nuqqas ta' ċirkolazzjoni jew distillazzjoni

1. F'każ ta' l-Artikolu 87(1) tar-regolament (KE) Nru 479/2008, l-għeneb jew prodotti magħmulin mill-għeneb jista' jkollhom biss waħda mid-destinazzjonijiet li ġejjin:

(a) distillazzjoni li jħallas għaliha esklussivament il-produttur;

(b) ħsad aħdar skond id-definizzjoni ta' l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, li jħallas għalih l-produttur konċernat;

(ċ) konsum tal-familja; din il-possibbiltà hija aċċettabbli biss jekk l-erja tal-vinja tal-produttur ma tkunx aktar minn 0.1 ettaru.

Fil-każ tad-distillazzjoni prevista fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu:

— il-produtturi għandhom jissottomettu l-kuntratt ta' distillazzjoni previst fl-Artikolu 87(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 sa tmiem is-sena ta' l-inbid li fiha jkunu saru l-prodotti;

— il-prodotti li jsiru qabel ir-regolarizzazzjoni tal-vinja f'konformità ma' l-Artikolu 86(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom ikunu suġġetti għall-obbligu ta' distillazzjoni.

Fil-każ ta' ħsad aħdar kif previst fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu, produtturi għandhom jgħarrfu bil-quddiem lill-awtorità kompetenti dwar l-intenzjoni tagħhom qabel id-data ffissata mill-Istati Membri skond l-Artikolu 12(1)(b). Stati Membri għandhom jikkontrollaw ħsad aħdar skond l-Artikolu 12(1)(d) ta' dan ir-Regolament.

▼B

2. Bla ħsara għall-paragrafu 1, biex jiffaċilitaw il-kontroll, Stati Membri jistgħu jipprospettaw obbligu lill-produtturi li dawn jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru qabel id-data ffissata mill-Istati Membri skond l-Artikolu 12(1)(b) dwar liema mill-possibiltajiet imsemmija fil-punti (a) sa (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu huma ser jagħżlu.

Stati Membri jistgħu wkoll jillimitaw l-għażla ta' produtturi għal possibiltà waħda jew tnejn imsemmija fil-punti (a) sa (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

3. F'każ li produttur partikulari jkollu vinji li l-prodotti tagħhom jistgħu jitqiegħdu fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli li jiżguraw li l-prodotti mit-taħwil illegali ma jiżdidux mal-prodotti ta' dawn il-vinji l-oħra li jitqiegħdu fis-suq.

Artikolu 58

Komunikazzjonijiet

1. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Marzu ta' kull sena l-erjas li għalihom tkun tħallset penali u l-ammont tal-penali li attwalment kien impost fil-formola indikata fit-Tabella 1 ta' l-Anness XIII. Huma għandhom jikkomunikaw ukoll lill-Kummissjoni il-liġijiet tagħhom relatati ma' dawn il-penalitajiet.

2. Bla ħsara għal dak indikat mod ieħor fit-tabelli rilevanti ta' l-Anness XIII ta' dan ir-Regolament, il-komunikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 85(4), l-Artikolu 86(5) u l-Artikolu 87(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom jirreferu għas-sena ta' l-inbid preċedenti.

Meta l-komunikazzjonijiet skond l-Artikolu 85(4) u l-Artikolu 86(5) tar-regolament (KE) Nru 479/2008 isiru għall-ewwel darba, mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2009, l-informazzjoni li hemm fit-tabelli rilevanti għandha tirreferi għal dan li ġej:

(a) kull taħwil illegali li jkun sar wara l-31 ta' Awwissu 1998 u skopert minn dik id-data sa tmiem is-sena ta' l-inbid 2007/2008, u li jkun għadu ma tħammilx sal-31 ta' Lulju 2008, jekk dejta bħal dik tkun tista' tinkiseb;

(b) kull taħwil illegali li jkun sar qabel l-1 ta' Settembru 1998 li għalih l-applikazzjoni għal regolarizzazzjoni skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 tkun ġiet aċċettata jew miċħuda mill-Istat Membru bejn l-1 ta' Awwissu 2007 u l-31 ta' Lulju 2008;

▼B

Għall-finijiet tal-komunikazzjoni msemmija fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu, għandha tintuża t-Tabella 2 ta' l-Anness XIII għal dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-komunikazzjoni msemmija fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu, għandha tintuża t-Tabella 4 ta' l-Anness XIII għal dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni żżomm id-dritt li titlob informazzjoni dwar it-taħwil illegali konċernat abbażi ta' obbligi ta' komunikazzjoni preċedentement validi iżda mhux osservati imsejsa fuq l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

Il-komunikazzjonijiet ta' wara ta' kull sena għandhom isiru skond il-formola indikata fit-Tabelli 3, 5, 6 u 7 ta' l-Anness XIII ta' dan ir-Regolament.

3. Stati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk jinkludux jew le dettalji relatati ma' reġjuni fil-komunikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 59

Tnaqqis impost fuq l-Istati Membri

F'każ li Stati Membri jonqsu li jikkomunikaw kull tabella sa l-iskadenzi rilevanti, ħlief għat-Tabella 2, imsemmija fl-Artikolu 58, fil-formola stabbilita fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament, bl-informazzjoni fiha speċifikata fl-Artikoli 85(4), 86(5) u 87(3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u mimlija kif imiss, l-allokazzjoni tagħhom għall-miżuri ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 tista' titnaqqas kif previst fl-Artikolu 89(a) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li, skond l-ambitu tan-nuqqas, għal kull xahar ta' dewmien, ammont sa total ta' 1 % ta' l-allokazzjoni għall-miżuri ta' appoġġ ta' l-Istat Membru partikulari għandu jkun konfiskat mill-bidu tas-sena ta' l-inbid wara dik li fiha kellha ssir il-komunikazzjoni.

KAPITOLU II

Sitema tranżizzjonali ta' dritt ta' taħwil

Artikolu 60

Drittijiet ta' taħwil ġdid

1. Fejn Stati Membri jagħtu drittijiet ta' taħwil ġdid fir-rigward ta' meded imaħsubin għal taħwil ġdid imwettaq skond miżuri ta' konsolidazzjoni ta' art jew miżuri dwar akkwisti obbligatorji fl-interess pubbliku adottati skond il-liġijiet nazzjonali, huma għandhom jiżguraw li dawn id-drittijiet ma jingħatawx għal żona akbar, f'termini ta' għelejjel puri, minn 105 % taż-żona ta' dwieli li kienet is-suġġett tal-miżuri ta' konsolidazzjoni ta' art jew ta' miżuri ta' akkwisti obbligatorji fl-interess pubbliku.

2. Fejn Stati Membri jagħtu drittijiet ta' taħwil ġdid fir-rigward ta' meded imaħsubin għal esperimenti, prodotti magħmulin minn għeneb li jiġi minn meded bħal dawn jista' ma jmux għas-suq matul il-perjodu kollu ta' sperimentazzjoni.

3. Fejn Stati Membri jagħtu drittijiet ta' taħwil ġdid fir-rigward ta' meded imaħsuba għal mixtliet ta' tilqim, għeneb ta' dwieli bħal dawn għandu jew ma jinħasadx jew, jekk jinħasad, għandu jinqered matul il-perjodu kollu ta' produzzjoni tal-mixtliet ta' tilqim.

▼B

4. Drittijiet ta’ taħwil ġdid mogħtija skond il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw biss matul il-perjodu sperimentali jew il-perjodu ta’ produzzjoni tal-mixtliet ta’ tilqim, rispettivament.

Wara l-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, jew:

(a) il-produttur għandu juża drittijiet ta’ taħwil mill-ġdid jew drittijiet ta’ taħwil mogħtija minn riżerva biex il-medda konċernata titħalla tipproduċi nbid għas-suq; jew

(b) dwieli mħawlin f’meded bħal dawn għandhom jitħammlu; l-ispejjeż ta’ taħmil bħal dan għandhom jitħallsu mill-produttur konċernat; sakemm il-medda msemmija tinqala’, prodotti magħmulin minn għeneb li jiġi minn meded bħal dawn jista’ jitqiegħerd fiċ-ċirkolazzjoni biss għall-finijiet ta’ distillazzjoni, bil-produttur iħallas l-ispejjeż; dawn il-prodotti jistgħu ma jintużawx fit-tħejjija ta’ alkoħol li jkollu qawwa alkoħolika attwali ta’ 80 % vol. jew anqas.

5. Drittijiet ta’ taħwil ġdid, u kull kundizzjoni dwar l-użu ta’ drittijiet bħal dawn jew dwar meded imħawlin skond dawn il-kundizzjonijiet mogħtija qabel l-1 ta’ Awwissu 2000 fir-rigward ta’ meded maħsubin għal esperimenti jew mixtliet ta’ tilqim għandhom ikomplu japplikaw matul il-perjodu ta’ sperimentazzjoni jew il-perjodu ta’ produzzjoni tal-mixtliet ta’ tilqim, rispettivament. Ir-regoli fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 għandhom japplikaw wara t-tmiem tal-perjodu ta’ sperimentazzjoni jew il-perjodu ta’ produzzjoni tal-mixtliet ta’ tilqim, rispettivament.

6. Fil-każ ta’ l-Artikolu 91(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, biex ikun evitat li jkun impost piż amministrattiv eċċessiv, Stat Membru jista’, minflok ma jagħti drittijiet ta’ taħwil ġdid, jipprovdi li meded li l-inbid jew il-prodotti tad-dielja tagħhom ikunu maħsuba biss għall-konsum mill-familja ta’ min ikabbar id-dwieli m’għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta’ taħmil skond l-Artikolu 85(1) ta’ dak ir-Regolament. Stati Membri jistgħu jagħmlu hekk biss bil-kundizzjoni li:

(a) il-medda fir-rigward partikularment ta’ min ikabbar ma tkunx taqbeż erja massima li għandha tkun stabbilita mill-Istat Membru, li tista’, f’kull każ, ma tkunx akbar minn 0,1 ettaru; u

(b) min ikun konċernat bit-tkabbir tad-dwieli ma jkunx involut fil-produzzjoni kummerċjali ta’ l-inbid.

7. Il-kummerċjalizzazzjoni ta’ l-inbid jew ta’ prodotti tad-dielja li jiġu mill-meded imsemmija fil-paragrafu 6 għandha tkun ipprojbita. Stati Membri għandhom japplikaw sistema adatta biex jagħmlu monitoraġġ ta’ din il-projbizzjoni. Jekk jinstab li jkun hemm ksur ta’ din il-projbizzjoni, mbagħad flimkien ma’ kull piena imposta mill-Istat Membru, għandu japplika l-punt (b) tat-tieni subparagrafu 4. Stati Membri għandhom jirreġistraw il-każijiet kollha ttrattati skond dan il-paragrafu.

▼B

Artikolu 61

L-obbligi ta' l-Istati Membri rigward reġistrazzjoni u komunikazzjonirelatati ma' drittijiet ħodda ta' taħwil

Stati Membri għandhom jirreġistraw kull każ fejn jingħata drittijiet ta' taħwil ġdid skond l-Artikolu 60.

Stati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kull sena ta' l-inbid:

(a) l-erjas totali li għalihom jkunu ngħataw drittijiet ta' taħwil ġdid skond kull wieħed mill-paragrafi 1, 2 u 3 ta' l-Artikolu 60; u

(b) l-erja totali li għaliha jkunu ngħataw drittijiet ta' taħwil ġdid skond l-Artikolu 91(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008; iżda fejn Stat Membru jagħmel użu mid-deroga ta' l-Artikolu 60(6), huwa għandu jikkomunika stima ta' l-erja totali konċernata, li għandha tkun imsejsa fuq ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq.

Din il-komunikazzjoni għandha ssir skond il-formola indikata fit-Tabella 8 ta' l-Anness XIII. Stati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk fiha jinkludux jew le dettalji dwar reġjuni. Hija għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena fir-rigward tas-sena ta' l-inbid ta' qabel.

Artikolu 62

Taħmil ta' l-art mingħajr ma jkun iġġenerat dritt ta' taħwil mill-ġdid

Fejn żona titħammel skond l-Artikolu 24(4), l-Artikolu 85(1) jew l-Artikolu 86(4) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jew il-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 60(4) ta' dan ir-Regolament, m'għandhomx jingħataw drittijiet ta' taħwil mill-ġdid. Barra minn hekk, m'għandhomx jingħataw drittijiet f'każ li jkun hemm taħmil ta':

(a) kull żona ta' dwieli fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konsolidazzjoni ta' art jew ta' miżuri ta' akkwisti obbligatorji fl-interess pubbliku, fejn ikunu ngħataw drittijiet ta' taħwil ġdid fir-rigward ta' meded bħal dawn skond l-Artikolu 60(1) ta' dan ir-Regolament;

(b) meded maħsubin għal esperimenti fil-vitikoltura matul il-perjodu ta' sperimentazzjoni;

(ċ) meded imaħsubin għal mixtliet ta' tilqim matul il-perjodu ta' produzzjoni tal-mixtliet ta' tiqim;

(d) meded maħsubin għall-konsum min-naħa tal-familja ta' min ikabbar id-dwieli. jew

(e) meded li għalihom jingħata primjum għat-tħammil, skond l-Artikolu 92(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

▼B

Artikolu 63

Drittijiet antiċipati ta' taħwil mill-ġdid

1. Skond l-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, Stati Membri jistgħu jagħtu drittijiet ta' taħwil mill-ġdid lil produtturi li jimpenjaw lilhom infushom li jħammlu żona ta' dwieli qabel it-tmiem tat-tielet sena ta' l-inbid wara li ż-żona tkun tħawlet. Dan jista' jsir biss fejn dak il-produttur ikun jista' juri li ma jkollux drittijiet ta' taħwil fil-pussess tiegħu, jew li jkollu b'mod mhux suffiċjenti, li jistgħu jintużaw biex il-medda kollha konċernata titħalla titħawwel bi dwieli. Stat Membru m'għandux jagħti aktar drittijiet lil produttur milli jkunu meħtieġa biex il-medda kollha titħalla titħawwel bi dwieli, meqjus kull dritt diġà fil-pussess tiegħu. Il-produttur għandu jispeċifika ż-żona partikulari li jkollha titħammel.

2. Meta jagħmel l-impenn imsemmi fil-paragrafu 1, produttur għandu jiddepożita garanzija. L-obbligu li ż-żona konċernata titħammel għandu jikkostitwixxi "r-rekwiżit primarju" skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20(2) tar-regolament (KEE) Nru 2220/85. L-ammont tal-garanzija għandu jkun iffissat mill-Istat Membru konċernat abbażi ta' kriterji oġġettivi. Il-garanzija għandha tkun iffissata f'livell li jkun proporzjonat u suffiċjenti biex jiddisswadi lil produtturi milli jonqsu li jwettqu l-impenn tagħhom.

3. Sakemm l-impenn li jsir it-taħmil ikun għadu ma twettaqx, Stati Membri għandhom jiżguraw li, f'kull sena partikulari ta' l-inbid, ma jkunx hemm fl-istess żmien produzzjoni kummerċjali ta' nbid kemm mill-medda li jkollha titħammel u kemm mill-medda mħawla ġdida, billi jiżguraw li l-prodotti magħmulin minn għeneb li jiġi minn waħda miż-żewġ meded jkun jista' jitqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni għall-finijiet biss ta' distillazzjoni, li jħallas għaliha l-produttur. Dawn il-prodotti jistgħu ma jintużawx fit-tħejjija ta' alkoħol li jkollu qawwa alkoħolika attwali ta' 80 % vol. jew anqas

4. Jekk l-impenn li jsir it-taħmil ma jitwettaqx sa l-iskadenza stabbilita, il-medda partikulari li ma tkunx tħammlet għandha titqies li tkun tħawlet bi ksur tar-restrizzjoni dwar it-taħwil fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

5. Stati Membri għandhom jimmonitorjaw it-tħawwil u l-tħammil taż-meded konċernati.

6. Stati Membri għandhom iżommu rreġistrat kull każ ittrattat skond il-paragrafi 1 sa 5.

Artikolu 64

Trasferimenti ta' drittijiet ta' taħwil mill-ġdid

1. Fl-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 92(5) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, Stati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent ekwivalenti ta' tnaqqis għal trasferimenti ta' drittijiet ta' taħwil mill-ġdid bejn azjendi.

2. Stati Membri għandhom iżommu rreġistrati t-trasferimenti kollha ta' drittijiet ta' taħwil mill-ġdid bejn azjendi.

▼B

Artikolu 65

Riżervi ta' drittijiet ta' taħwil

1. Stati Membri għandhom jiżguraw li t-trasferiment ta' drittijiet permezz ta' riżerva nazzjonali u/jew riżervi reġjonali ma jwassalx għal żieda globali f'potenzjal ta' produzzjoni fit-territorju tagħhom. Jekk ikun hemm ħtieġa għalih, Stati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent ta' tnaqqis.

2. Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' riżervi nazzjonali u/jew reġjonali ta' drittijiet ta' taħwil jew, skond il-każ, l-għażla tiegħu li ma jimplimentax aktar is-sistema ta' riżerva.

3. Fejn Stat Membru jagħżel li ma jimplimentax is-sistema ta' riżerva, huwa għandu jikkomunika lill-Kummissjoni prova li fit-territorju kollu tiegħu tkun teżisti sistema effikaċi ta' ġestjoni ta' drittijiet ta' taħwil.

4. Stati Membri għandhom jirreġistraw il-każijiet kollha fejn drittijiet ta' taħwil jingħataw minn riżervi, il-każijiet kollha fejn drittijiet ta' taħwil ikunu ttrasferiti bejn riżervi u l-każijiet kollha fejn drittijiet ta' taħwil ikunu allokati lil riżervi. Kull ħlas li jsir bi tpattija għal allokazzjoni ta' drittijiet għal riżerva jew għal għoti ta' drittijiet minn riżerva għandu wkoll ikun irreġistrat.

5. Stati Membri għandhom, fil-formola stabbilita fit-Tabella 9 ta' l-Anness XIII, jikkomunikaw lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kull sena ta' l-inbid

(a) id-drittijiet ta' taħwil allokati lir-riżervi;

(b) id-drittijiet ta' taħwil mogħtija mir-riżerva bi ħlas jew mingħajru.

Artikolu 66

Iż-żamma tas-sistema tad-dritt ta' taħwil

Stati Membri li jridu jżommu l-projbizzjoni ta' taħwil fit-territorju tagħhom jew f'partijiet mit-territorju tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 wara l-31 ta' Diċembru 2015 skond il-possibbiltà mogħtija fl-Artikolu 90(6) ta' dak ir-Regolament, għandhom jikkomunikaw l-intenzjoni tagħhom dwar dan lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Marzu 2015.

▼M6

———————

▼B

KAPITOLU IV

Inventarju u kejl tal-medda mħawla

Artikolu 74

Inventarju

Id-dejta komunikata fl-inventarju skond l-Artikolu 109 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandha tirreferi għall-31 ta' Lulju tas-sena preċedenti.

Hija għandha jkollha l-informazzjoni speċifikata fit-Tabelli 14 sa 16 ta' l-Anness XIII ta' dan ir-Regolament. Stati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk jinkludux jew le dettalji relatati ma' reġjuni f'dawn it-tabelli.

▼B

Artikolu 75

Il-medda mħawla

1. Għall-finijiet tar-ristrutturar u l-konverżjoni ta' vinji, tal-ħsad aħdar u tal-primjum ta' taħmil imsemmija fl-Artikoli 11, 12 u 98 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, medda mħawla bi dwieli hija ddefinita skond il-perimetru estern ta' l-istokkijiet ta' dwieli biż-żieda ta' lqugħ li l-wisa' tiegħu tkun tikkorrispondi ma' nofs id-distanza bejn ir-ringieli. Il-medda mħawla għandha tkun determinata skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 30(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 ([1]).

2. Fil-każ li r-rendiment storiku msemmi fl-Artikolu 101(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 jkun iffissat abbażi ta' medda li ma tikkorrispondix mad-definizzjoni mogħtija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jerġgħu jikkalkolaw ir-rendiment billi jiddividu l-produzzjoni ta' l-azjenda jew biċċa art jew kategorija ta' nbid bil-medda mħawla bid-dwieli, li jipproduċu l-volum determinat ta' nbid, kif definit fil-paragrafu 1.

TITOLU V

KONTROLLI FIS-SETTUR TA' L-INBID

KAPITOLU I

Prinċipji ta' kontroll

Artikolu 76

Kontrolli

Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament jew liġijiet oħra Komunitarji, Stati Membri għandhom jintroduċu kontrolli u miżuri sakemm ikunu meħtieġa biex tkun żgurata l-applikazzjoni sewwa tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 u ta' dan ir-Regolament. Dawn għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi biex jagħtu protezzjoni adegwata lill-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet.

B'mod partikulari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti minn liġijiet Komunitarji jew nazzjonali jew il-qafas nazzjonali jkunu ssorveljati;

(b) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-twettiq ta' kontrolli jkollhom għadd suffiċjenti ta' persunal bi kwalifi u esperjenza xierqa biex iwettqu s-kontrolli b'mod effikaċi;

(ċ) ikun ipprovdut biex kontrolli jevitaw l-iffinanzjar irregolari u duplikat ta' miżuri skond dan ir-Regolament jew skemi oħra Komunitarji jew nazzjonali;

(d) is-kontrolli u l-miżuri jkunu jaqblu man-natura tal-miżura konċernata ta' appoġġ. Stati Membri għandhom jiddefinixxu metodi u mezzi ta' verifika u jispeċifikaw minn għandu jkun soġġett għal kontrolli;

([1]) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.

▼B

(e) jitwettqu kontrolli jew b'mod sistematiku jew b'teħid ta' kampjun. Fil-każ ta' teħid ta' kampjun, Stati Membri għandhom jiżguraw li, bl-għadd, in-natura u l-frekwenza tagħhom, il-kontrolli jkunu rappreżentattivi tat-territorju tagħhom kollu kemm hu u jkunu jikkorrispondu, fejn japplika, mal-volum ta' prodotti tas-settur ta' l-inbid ikkummerċjalizzat jew miżmum biex ikun ikkummerċjalizzati;

(f) l-operazzjonijiet ammessi għal iffinanzjar komunitarju jkunu ġenwini u konformi mal-liġijiet Komunitarji.

Artikolu 77

Prinċipji ġenerali

1. Il-verifika għandha tkun b'kontrolli amministrattivi u, fejn jaqbel, fil-post.

2. Kontrolli amministrattivi għandhom ikunu sistematiċi u għandhom jinkludu kontrolli doppji ta', fost oħrajn, dejta mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll ipprovduta fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003.

3. Ħlief għall-każijiet fejn kontrolli sistematiċi fil-post huma previsti mir-Regolament (KE) Nru 479/2008 jew minn dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli fil-post billi jieħdu kampjun ta' perċentwali adatt ta' benefiċjarji/produtturi abbażi ta' analiżi tar-riskju skond l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament.

4. Dwar il-miżuri previsti fl-Artikoli 16, 17, 18 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008, id-daqs tal-kampjun għandu jkun talanqas 5 % ta' l-applikazzjonijiet għal għajnuna. Il-kampjun għandu jirrappreżenta wkoll talanqas 5 % ta' l-ammonti koperti mill-għajnuna.

▼M6

5. Dwar il-miżuri previsti fl-Artikolu 103u tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Artikolu 24(1) sa (3) u (6), u l-Artikolu 26(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2011 ([1]) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

▼B

6. L-Artikolu 26(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 għandu japplika għal kontrolli fil-post imsemmijin f'dan l-Artikolu.

7. Fil-każijiet kollha xierqa, Stati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (IACS).

Artikolu 78

Kontrolli fil-post

1. Kontrolli fil-post m'għandhomx jitħabbru. Iżda sakemm l-iskop tas-sorveljanza ma jkunx ippreġudikat, jista' jingħata avviż bil-quddiem strettament limitat għal dak li jkun l-aktar meħtieġ. Tali avviż bil-quddiem ma għandux jaqbeż 48 siegħa, għajr f'każijiet li jkunu dovutement ġustifikati jew għal dawk il-miżuri fejn hemm previsti kontrolli fil-post sistematiċi.

([1]) ĠU L 25, 28.1.2011, p. 8.

▼B

2. Fejn japplika, is-kontrolli fil-post imsemmija f'dan ir-Regolament għandhom jitwettqu flimkien ma' kull sorveljanza oħra msemmija f'liġijiet Komunitarji.

3. L-applikazzjoni jew l-applikazzjonijiet konċernati għandhom ikunu miċħuda jekk benefiċjarji jew rappreżentanti tagħhom ma jħallux titwettaq sorveljanza fil-post.

Artikolu 79

L-għażla tal-kampjun ta' kontroll

1. Kampjuni ta' kontroll għall-kontrolli ta' kontroll skond dan ir-Regolament għandhom jintgħażlu mill-awtorità kompetenti abbażi ta' analiżi tar-riskju u – fejn kontrolli jikkonċernaw speċifikatament iffinanzjar komunitarju – tar-rappreżentattività ta' l-applikazzjonijiet għal għajnuna sottomessi. L-effikaċja ta' analiżi tar-riskju għandha tkun evalwata u aġġornata fuq bażi annwali:

(a) billi tkun stabbilita r-relevanza ta' kull fattur ta' riskju;

(b) billi jsir paragun tar-riżultati tal-kampjun ibbażat fuq ir-riskju u magħżul b'mod każwali kif imsemmi fit-tieni subparagrafu;

(ċ) billi titqies is-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.

Biex jipprovdi l-element ta' rappreżentattività, l-Istat Membru għandu jagħżel b'mod każwali bejn 20 u 25 % ta' l-għadd minimu ta' benefiċjarji/produtturi biex ikunu soġġettati għal kontrolli fil-post.

2. L-awtorità kompetenti għandha żżomm irreġistrati r-raġunijiet li għalihom ikunu ntgħażlu benefiċjarji/produtturi speċifiċi għal kontrolli fil-post. L-ispettur li jwettaq is-sorveljanza għandu jkun mgħarraf b'dawk ir-raġunijiet qabel ma jibda s-sorveljanza.

Artikolu 80

Rapport ta' kontroll

1. Kull sorveljanza fil-post għandha tkun is-suġġett ta' rapport ta' kontroll li jagħmilha possibbli li jkunu mistħarrġa d-dettalji tas-kontrolli mwettqa.

Sa fejn kontrolli jkollhom x'jaqsmu ma' iffinanzjar komunitarju ir-rapport għandu jindika b'mod partikulari:

(a) l-iskemi ta' għajnuna u l-applikazzjonijiet issorveljati;

(b) il-persuni preżenti;

(ċ) fejn japplika, il-meded agrikoli ssorveljati, il-meded agrikoli mkejla, ir-riżultati tal-qisien għal kull roqgħa raba' imkejla u l-metodi ta' kejl użati;

(d) il-verifika jekk il-medda partikulari kinitx ikkoltivata sewwa fil-każ ta' skema ta' taħmil;

(e) il-kwantitajiet li koperti mis-sorveljanza u r-riżultati tagħhom;

▼B

(f) jekk ingħatax avviż bil-quddiem lill-benefiċjarju/produttur dwar iż-żjara u, jekk iva, kemm;

(g) kull miżura oħra ta' kontroll imwettqa.

2. Fejn jinstabu diskrepanzi bejn l-informazzjoni fl-applikazzjoni u s-sitwazzjoni attwali misjuba matul is-sorveljanza mwettqa fil-post jew b'telerilevament, min ikabbar għandu jirċievi kopja tar-rapport ta' kontroll u għandu jkollu l-opportunità li jiffirmah qabel ma' l-awtorità kompetenti tiġbed il-konklużjonijiet tagħha mis-sejbiet fir-rigward ta' kull tnaqqis jew esklużjonijiet li jirriżultaw.

▼M3

Artikolu 81

Kontroll relatat mal-potenzjal tal-produzzjoni u l-operazzjonijiet ta' ristrutturar u konverżjoni tal-vinji

1. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-potenzjal tal-produzzjoni stabbiliti fis-Sezzjoni IVa tal-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, inkluż il-projbizzjoni tranżizzjonali fuq taħwil ġdid stabbilita fl-Artikolu 85g(1) ta' dak ir-Regolament, kif ukoll id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 103q ta' dak ir-Regolament, relatati mal-operazzjonijiet ta' ristrutturar u konverżjoni tal-vinji, l-Istati Membri għandhom jużaw reġistru tal-vinji.

2. Meta jingħataw drittijiet ta' taħwil mill-ġdid kif previst fl-Artikolu 85i tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-erjas tal-meded għandhom ikunu vverifikati b'mod sistematiku qabel u wara l-eżekuzzjoni tat-tħammil. Il-plotts issorveljati għandhom ikunu dawk li għalihom għandu jingħata dritt ta' taħwil mill-ġdid.

Il-kontroll qabel it-tħammil għandu jinkludi verifika tal-eżistenza tal-vinja konċernata.

Dan il-kontroll għandu jitwettaq permezz ta' kontroll fil-post. Iżda jekk l-Istat Membru jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu reġistru tal-vinji kompjuterizzat, affidabbli u aġġornat, il-kontroll ikun jista' jitwettaq b'mod amministrattiv u l-obbligu ta' kontroll fil-post qabel it-tħammil jista' jkun limitat għal 5 % tal-applikazzjonijiet li jkunu daħlu (fuq bażi annwali) biex tkun ikkonfermata l-affidabbiltà tas-sistema amministrattiva ta' kontroll. Jekk kontrolli fil-post jiżvelaw irregolaritajiet jew diskrepanzi sinifikanti f'reġjun jew f'parti ta' reġjun, l-awtorità kompetenti għandha żżid kif imiss l-għadd ta' kontrolli fil-post matul is-sena konċernata u s-sena ta' wara.

▼M6

_____

4. Il-kontroll li l-qlugħ tad-dwieli, inkluż bħala operazzjoni tar-ristrutturar u l-konverżjoni ta' vinja, ikun seħħ tassew, għandu jitwettaq permezz ta' verifika fuq il-post. Fil-każ tal-qlugħ tad-dwieli tar-roqgħa sħiħa ta' vinja jew jekk ir-riżoluzzjoni tat-telerilevament hija ugwali għal jew iktar minn 1 m^2, il-kontroll jista' jsir bit-telerilevament.

_____

▼M3

6. Erjas li qegħdin jirċievu għajnuna għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji għandhom jiġu kkontrollati, b'mod sistematiku, qabel u wara l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet. Il-plotts li għandhom jiġu kkontrollati huma dawk li għalihom ġiet sottomessa applikazzjoni għall-għajnuna.

▼M3

Il-kontroll qabel l-operazzjonijiet għandu jkopri wkoll il-verifika tal-eżistenza tal-vinja konċernata, l-erja mħawla determinata skont l-Artikolu 75 u l-esklużjoni tal-każ ta' tiġdid normali tal-vinji kif definit fl-Artikolu 6.

Il-kontroll imsemmi fit-tieni subparagrafu għandu jitwettaq permezz ta' kontroll fil-post. ►C2 Madankollu, jekk l-Istat Membru jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu għodda grafika jew l-ekwivalenti, li tippermetti l-kejl tal-medda mħawla skont l-Artikolu 75 fir-reġistru tal-vinji kompjuterizzat, u informazzjoni aġġornata affidabbli dwar il-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid imħawla, il-kontroll imbagħad ikun jista' jitwettaq b'mod amministrattiv u l-obbligu ta' kontroll fil-post qabel l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet jista' jkun limitat għal 5 % tal-applikazzjonijiet biex tkun ikkonfermata l-affidabbiltà tas-sistema amministrattiva ta' kontroll. ◄ Jekk kontrolli fil-post jiżvelaw irregolaritajiet jew diskrepanzi sinifikanti f'reġjun jew f'parti ta' reġjun, l-awtorità kompetenti għandha żżid kif imiss l-għadd ta' kontrolli fil-post matul is-sena konċernata.

▼B

Artikolu 82

Korpi ta' kontroll

1. Fejn Stat Membru jaħtar diversi korpi kompetenti biex jissorveljaw il-konformità mar-regoli li jiġġestixxu s-settur ta' l-inbid, huwa għandu jikkoordina x-xogħol ta' dawk il-korpi.

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp wieħed ta' kollegament responsabbli minn kuntatti mal-korpi ta' kollegament ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni. B'mod partikulari, il-korp ta' kollegament għandu jirċievi u jressaq talbiet għal kooperazzjoni bil-għan li jkun implimentat dan it-Titolu, u għandu jirrappreżenta lill-Istat Membru tiegħu vis-à-vis Stati Membri oħra jew il-Kummissjoni.

Artikolu 83

Setgħat ta' uffiċjali ta' kontroll

Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiffaċilita x-xogħol ta' l-uffiċjali tal-korpi kompetenti tiegħu. Huwa għandu jiżgura b'mod partikulari li uffiċjali bħal dawn, flimkien, skond il-każ, ma' uffiċjali ta' dipartimenti oħra li huwa jawtorizza għal hekk:

(a) ikollhom aċċess għal vinji, vitikoltura u installazzjonijiet ta' ħażna, installazzjonijiet għall-ipproċessar ta' prodotti fis-settur ta' l-inbid u għal vetturi għat-trasport ta' dawk il-prodotti;

(b) ikollhom aċċess għal bini kummerċjali (jew mħażen) u vetturi ta' kull azjenda bil-ħsieb li jbiegħu, iqiegħdu fis-suq jew iġorru prodotti tas-settur ta' l-inbid jew prodotti li jistgħu jkunu maħsubin biex jintużaw fis-settur ta' l-inbid;

(ċ) ikunu jistgħu jagħmlu inventarju ta' prodotti u sustanzi tas-settur ta' l-inbid u ta' sustanzi jew prodotti li jistgħu jintużaw għat-tħejjija ta' prodotti bħal dawn;

(d) ikunu jistgħu jieħdu kampjuni ta' prodotti tas-settur ta' l-inbid, sustanzi jew prodotti li jistgħu jintużaw għat-tħejjija ta' prodotti bħal dawn u ta' prodotti miżmumin bil-ħsieb li jinbiegħu, jitqiegħdu fis-suq jew jinġarru;

▼B

(e) ikunu jistgħu jistudjaw id-dejta taż-żamma tal-kotba u dokumenti oħra ta' użu fi proċeduri ta' kontroll, u jagħmlu kopji u estratti tagħhom;

(f) ikunu jistgħu jieħdu miżuri xierqa ta' protezzjoni fir-rigward tat-tħejjija, żamma, trasport, deskrizzjoni, preżentazzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' prodott tas-settur ta' l-inbid jew prodott maħsub għall-użu fit-tħejjija ta' prodott bħal dak, jekk ikun hemm raġuni biex wieħed jaħseb li kien hemm ksur gravi ta' dispożizzjonijiet Komunitarji, b'mod partikulari fil-każ ta' trattament frawdulenti jew riskji għas-saħħa.

KAPITOLU II

Għajnuna bejn korpi ta' kontroll

Artikolu 84

Għajnuna meta tintalab

1. Fejn korp kompetenti ta' Stat Membru jidħol biex iwettaq attivitajiet ta' kontroll fit-territorju tiegħu, huwa jista' jitlob għal informazzjoni mingħand korp kompetenti ta' kull Stat Membru ieħor li jista' jintlaqat direttament jew indirettament. Fejn issir talba bħal din, l-għajnuna għandha tingħata f'waqtha.

Il-Kummissjoni għandha tkun notifikata kull meta l-prodott li jkun is-suġġett tal-kontrolli msemmija fl-ewwel subparagrafu joriġina f'pajjiż terz, u jekk il-kummerċjalizzazzjoni ta' dan il-prodott tista' tkun ta' interess speċifiku lil Stati Membri oħra.

Il-korp li jsirlu talba għandu jagħti dik l-informazzjoni kollha li tista' tgħin lill-korp applikant biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

2. Fejn issir applikazzjoni motivata mill-korp applikant, il-korp mitlub għandu jwettaq superviżjoni jew sorveljanza speċjali biex jikseb l-għanijiet segwiti, jew għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li superviżjoni jew sorveljanza bħal dawn jitwettqu.

3. Il-Korp appellat mitlub jaġixxi bħallikieku f'ismu.

4. Bi qbil mal-korp mitlub, l-applikant jista' jaħtar uffiċjali:

(a) jew biex jiksbu, fil-postijiet ta' l-awtoritajiet amministrattivi li jaqgħu taħt l-Istat Membru li fih il-korp mitlub ikun stabbilit, informazzjoni relatata ma' l-applikazzjoni tar-regoli fis-settur ta' l-inbid jew ma' l-attivitajiet ta' kontroll, inkluż li jsiru kopji ta' trasport u dokumenti oħra jew estratti minn reġistri,

(b) jew biex ikunu preżenti matul l-operazzjonijiet mitluba skond il-paragrafu 2, wara li jgħarraf lill-korp mitlub f'waqtu qabel ma jibdew dawk l-operazzjonijiet.

Il-kopji msemmija fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu jistgħu jsiru biss bi qbil mal-korp mitlub.

▼B

5. L-uffiċjali tal-korp mitlub għandhom jibqgħu jieħdu ħsieb l-operazzjonijiet ta' kontroll f'kull żmien.

6. L-uffiċjali tal-korp applikant għandhom:

(a) jipproduċu ordni bil-miktub li turi l-identità u l-kariga uffiċjali tagħhom;

(b) jingħataw, mingħajr preġudizzju għal-limiti imposti mill-Istat Membru tal-korp mitlub fuq l-uffiċjali tiegħu stess fit-twettiq tal-kontrolli in kwistjoni:

(i) id-drittijiet ta' aċċess imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 83;

(ii) id-dritt li jkunu mgħarrfa bir-riżultati ta' kontrolli mwettqin mill-uffiċjali tal-korp mitlub skond il-punti (ċ) u (e) ta' l-Artikolu 83.

(ċ) waqt li jkunu qed isiru s-kontrolli, iġibu ruħhom b'mod kompatibbli mar-regoli u prattika professjonali li uffiċjali ta' l-Istat Membru huma mistennija li jsegwu, u jħarsu l-kunfidenzjalità professjonali.

7. It-talbiet imsemmijin f'dan l-Artikolu għandhom jintbagħtu lill-korp mitlub fl-Istat Membru in kwistjoni permezz tal-korp ta' kollegament ta' dak l-Istat Membru. L-istess proċedura għandha tapplika għal:

(a) tweġibiet għal talbiet bħal dawn;

(b) komunikazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 4.

Bla ħsara għall-ewwel subparagrafu u fl-interess ta' kooperazzjoni aktar malajr u effikaċi bejniethom, Stati Membri jistgħu jippermettu korp kompetenti biex:

(a) jagħmel it-talba jew il-komunikazzjoni tiegħu direttament lil korp kompetenti ta' Stat Membru ieħor;

(b) iwieġeb direttament għal talbiet u komunikazzjonijiet li jaslu mingħand korp kompetenti ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 85

Għajnuna mhux mitluba

Korp kompetenti ta' Stat Membru għandu, permezz tal-korp ta' kollegament affiljat miegħu, jinnotifika lil korp ta' kollegament ta' l-Istat Membru konċernat mingħajr dewmien, fejn ikollu raġunijiet biex jissuspetta jew isir jaf li:

(a) prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 ma jkunx konformi mar-regoli tas-settur ta' l-inbid jew li kien is-suġġett ta' azzjoni frawdulenti biex jinkiseb prodott bħal dak jew biex ikun ikkummerċjalizzat; u

(b) dan in-nuqqas ta' konformità mar-regoli jkun ta' interess speċifiku għal Stat Membru wieħed jew aktar u wieħed li jwassal għal miżuri amministrattivi jew azzjoni legali.

▼B

Artikolu 86

Dispożizzjonijiet komuni

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 84(1) u l-Artikolu 85 għandha tkun akkumpanjata u ssupplimentata malajr kemm jista' jkun b'dokumenti rilevanti u xhieda oħra u b'referenza għal kull miżura amministrattiva jew proċedura legali, u b'mod speċifiku għandha tkopri:

(a) il-kompożizzjoni u l-karatteristiċi organolettiċi tal-prodott in kwistjoni,

(b) id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tal-prodott,

(ċ) il-konformità jew in-nuqqas tagħha mar-regoli stabbiliti għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

2. Il-korpi ta' kollegament involuti f'każ li fir-rigward tiegħu ma tinbedix il-proċedura ta' għajnuna għandhom jgħarrfu lil xulxin mingħajr dewmien dwar:

(a) il-progress ta' investigazzjonijiet,

(b) kull azzjoni amministrattiva jew legali meħuda sussegwentement għall-operazzjonijiet konċernati.

3. Spejjeż ta' ivvjaġġar magħmulin fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 84(2) u (4) għandhom jitħallsu minn:

(a) l-Istat Membru li jkun ħatar uffiċjal għall-miżuri msemmijin f'dawn il-paragrafi, jew

(b) il-bagit Komunitarju fuq talba tal-korp ta' kollegament ta' dak l-Istat Membru jekk il-Kummissjoni tkun irrikonoxxiet formalment bil-quddiem l-interess Komunitarju ta' l-attività ta' kontroll in kwistjoni.

KAPITOLU III

Bank ta' dejta analitika

Artikolu 87

L-għan tal-bank tad-dejta

1. Bank ta' dejta analitika għal prodotti ta' l-inbid għandu jkun ġestit miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta (JRC).

2. Il-Bank tad-dejta għandu jkollu dejta miksuba minn analiżi iżotopika tal-komponenti ta' l-etanol u l-ilma fi prodotti ta' l-inbid skond il-metodi ta' referenza ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

3. Il-bank tad-dejta jgħin biex tkun armonizzata l-interpretazzjoni tar-riżultati miksubin mil-laboratorji uffiċjali ta' l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-metodi ta' referenza ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008.

Artikolu 88

Kampjuni

1. Biex ikun stabbilit il-bank ta' dejta analitika, Stati Membri għandhom jiżguraw it-teħid ta' kampjuni ta' għeneb frisk għal analiżi kif ukoll it-trattament u l-ipproċessar tagħhom f'inbid skond l-istruzzjonijiet ta' l-Anness XVI.

▼B

2. Il-kampjuni ta' għeneb frisk għandhom jittieħdu minn vinji li jkunu jinsabu f'żona vitikola b'definizzjoni ċara ta' tip ta' ħamrija, sitwazzjoni, sistema ta' taħriġ tad-dwieli, varjetà, età u prattika fil-koltivazzjoni.

3. L-għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu kull sena għall-bank tad-dejta huwa ffissat fl-Anness XVII. L-għażla ta' kampjuni għandha tqis is-sitwazzjoni ġeografika tal-vinji fl-Istati Membri elenkati fl-Anness XVII. Kull sena talanqas 25 % tal-kampjuni għandhom jittieħdu mill-istess plotts bħas-sena ta' qabel.

4. Il-Kampjuni għandhom ikunu analizzati bil-metodi msemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 minn laboratorji maħturin mill-Istati Membri. Il-laboratorji maħturin għandhom jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-operazzjoni ta' laboratorji ta' l-ittestjar stabbiliti f'ISO/IEC 17025, u b'mod partikulari għandhom jieħdu sehem f'sistema ta' testijiet ta' profiċjenza li tkopri metodi ta' analiżi iżotopika. L-evidenza tal-konformità ma' dawn il-kriterji għandha tingħata bil-miktub lill-JRC għall-fini tal-kontrolll tal-kwalità u l-validazzjoni tad-dejta pprovduta.

5. Għandu jitfassal rapport ta' analiżi skond l-Anness XIX. Għandha ssir karta ta' deskrizzjoni għal kull kampjun skond il-kwestjonarju fl-Anness XVIII.

6. Kopja tar-rapport bir-riżultati u l-interpetazzjoni ta' l-analiżi flimkien ma' kopja tal-karta ta' deskrizzjoni għandhom jintbagħtu lill-JRC.

7. Stati Membri u l-JRC għandhom jiżguraw li:

(a) dejta fil-bank tad-dejta analitika tkun ippreservata,

(b) kull kampjun għandu jinżamm għal talanqas tliet snin mid-data tat-teħid tal-kampjun,

(ċ) il-bank tad-dejta jintuża biss għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tal-liġijiet Komunitarji u nazzjonali dwar l-inbid jew għal finijiet ta' statitiska jew xjentifiċi,

(d) ikunu applikati miżuri biex titħares id-dejta, b'mod partikulari kontra s-serq u l-interferenza,

(f) fajls ikunu jistgħu jinkisbu, mingħajr dewmien jew ħlas, minn dawk li jkollhom x'jaqsmu magħhom biex kull ineżattezza tkun tista' tiġi rrettifikata.

▼M8

Artikolu 89

